# analiżi

VOL. 2 N. 3 JANNAR—FRAR 1989
RIVISTA TA' KRITIKA GĦALL-MATRIKOLA TAL-MALTI
PUBBLIKATA MID-DIPARTIMENT TA' L-EDUKAZZJONI



Tas-Skieken. Pittura ta' Guido Lanfranco

IR-ROMANTIĊIŻMU
ID-DRAMMI TA' ĠUŻÈ DIACONO
L-ANALIŻI TAL-POEŻIJA
ANTOLOĠIJA TA' PROŻA
ĠORĠ ZAMMIT IFISSER IL-POEŻIJI TIEGĦU
ARTIKLI FUQ RUŻAR BRIFFA
KOMPONIMENTI — MUDELL


FARSONS SHANDY
TASTEFULLY REFRESHING
A quality product from FARSONS

# analiżi

## EDITORJAL

F'isem il-Bord Editorjali rridu rroddu ħajr lill-Bord tal-Matrikola ta' l-Università ta' Malta talli għas-sillabu ta' l-1990 fil-Livell Ordinarju tal-Malti se jkun hemm żewġ kotba għall-istudju fit-Tieni Karta u mhux erbgħa, jiġifieri *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul-Mercer u *Poeżiji Miġbura* ta' Rużar Briffa. Dan kien pass deċisiv u li juri maturità kbira fl-Università quddiem il-qagħda skabruża li jinsab fiha l-Malti. Bħalma konna oġġettivi f'editorjali oħra u kkummentajna kif kien hemm bżonn f'isem l-għalliema u l-istudenti tal-Malti, hekk ukoll issa jidhrilna li għandna nifirħulhom u nwegħduhom l-appoġġ tagħna favur din l-għajnuna tabilħaqq prattika li se tiswa mitqilha deheb fit-tagħlim ta' lsienna.

Quddiem ir-realtà miskina tal-Malti fejn il-kitba tal-kbar u taż-żgħar għadha 'l bogħod mill-minimu li wieħed jippretendi li jfittex u jsib fil-lingwa, quddiem id-diżastru li qed jinkiteb kuljum b'kompliċità siekta fil-gazzetti u r-rivisti politiċi, reliġjużi, nazzjonali u parrokkjali bil-Malti, quddiem il-livell baxx tal-Malti tal-ġurnalisti, ta' l-edituri u tax-xandara li lanqas m'huma kapaċi fil-biċċa l-kbira li jagħmlu traduzzjoni sempliċi u elementari mill-Ingliż, ikollok tammetti li t-tagħlim irid *jibda* jsir bis-serjetà mill-qigħnett u mil-livell elementari tal-kindergardin. U meta se jseħħ dan il-pass?

Ta' l-anqas issa fil-livell tal-klassijiet għolja tal-Matrikola hemm iċ-ċans f'waqtu li wieħed ma jwaħħalx iżjed fl-eżaminaturi. U l-għalliema jieħdu xogħolhom bid-dedikazzjoni akkademika mixtieqa kif minn dejjem saħqu u talbu kull meta tkellmu magħna u fil-laqgħat li kellhom ma' l-eżaminaturi. Id-deċiżjoni li titnaqqas il-kwantità tat-testi favur il-kwalità tat-thejjija fil-Malti titfa' responsabbiltà kbira fuq spallejn l-għalliema u aħna konvinti li kulħadd lest jidħlilha b'ħeġġa sinċiera.

Xi ftit tas-snin ilu din id-deċiżjoni kienet ittieħdet ukoll u l-għalliema ġarrbu bis-serjetà x'jiġifieri l-lezzjoni tal-Malti ssir fil-kalma bla tellieqa mal-ħin u maż-żmien biex ikun hemm approfondiment sħiħ mhux biss tal-lingwa iżda wkoll tat-testi magħżula. Imma din id-deċiżjoni ma tantx kienet saddet u f'temp ta' sena kollox reġa' għal li kien.

Jalla d-deċiżjoni li reġgħet ittieħdet *issa* tibqa', għax l-għalliema diġà kellmuna u wrewlna l-apprezzament u s-sodisfazzjon tagħhom għaliha.


**analiżi**

Rivista għall-Matrikola tal-Malti
Pubblikazzjoni tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni



© 1989 Dipartiment ta' l-Edukazzjoni
© Dritt Letterarju tal-kittieba
Kull jedd miżmum. Din ir-rivista qed tinbiegħ bil-kundizzjoni li ma tistax tinsilef, terġa' tinbiegħ, tingħata b'xejn, f'xi forma oħra ta' stampar jew qoxra ħlief kif inhi ppubblikata mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. L-ebda silta min din il-pubblikazzjoni ma tista' tkun riprodotta b'xi mod fotostatiku, elettroniku, mekkaniku, rekordjat jew b'kull mod ieħor mingħajr il-permess **bil-miktub** tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.



Stampat mill-P.E.G. Ltd, Il-Marsa.



Chairman tal-Bord Editorjali: DR PAUL HEYWOOD
Edituri: ĠORĠ MIFSUD u MARIO AZZOPARDI
Relazzjonijiet Pubbliċi: ADRIAN STIVALA
Awditur: JOHN FERNANDEZ
Membru: FRANZ MIFSUD



Indirizz Editorjali:
"Analiżi"
Il-Liċeo Ġ.F. Abela, Misraħ Ġużè Debono,
Msida.
Tel: 224271/5, Sinjorini Mary Azzopardi, Lorraine Paris



Ritratt tal-kopertina bil-kortesija tal-P.E.G. Ltd


*Nota editorjali:* L-ideat tal-kittieba mhux bilfors jirriflettu l-fehmiet tal-Bord Editorjali.

# posta

## SUPPLIMENT FUQ DOSTOEVSKI

Għoġobni ħafna s-suppliment fuq Dostoevski *Delitt u Kastig* li ħareġ il-Bord ta' *Analiżi*. Mimli kritika u mkien ma ssib kelma żejda. Il-livell li ilna tant nistennew għall-eżami ta' "L-Oqsma ta' l-Għerf". Ngħid għalija, qatt ma bsart li jista' jinkiteb Malti b'daqshekk livell għoli ta' kritika. Imma għandi mistoqsija waħda x'nagħmlilkom: għala ħriġtuh bil-Malti meta l-ktieb li qed nistudjaw fuqu miktub bl-Ingliż?

*K.B., l-Imsida*

**Nota editorjali:** L-interess tagħna hu li nħeġġu lill-istudenti tal-Livell Ordinarju u tal-Livell Avvanzat biex ma jħarsux lejn il-Malti bħala suġġett magħluq f'iżolament għalih waħdu. Il-Malti għandu jintuża għal *kull* qasam tal-ħajja u mhux biss għall-eżami tal-Malti. Fuq kollox, dan hu l-iskop tas-suġġett il-ġdid "L-Oqsma ta' l-Għerf", jiġifieri li jkun hemm l-interdipendenza bejn l-oqsma kollha tal-Ħsieb. U jekk wieħed jaqra sewwa s-sillabu jsib li l-kandidati jistgħu jwieġbu bil-Malti jew bl-Ingliż. Aktar milli wieħed jikkritika lilna talli l-ktieb tan-noti fuq Dostoevski ħriġnieh bil-Malti, aktar jaqbel li jkun hemm interess serju biex nagħrfu l-kapaċitajiet moħbija lingwistiċi u letterarji tal-Malti u nipprovaw nibdew niskavawhom.

## L-ISTUDJI FUQ RUŻAR BRIFFA

Nixtieq nirringrazzjakom tal-kitbiet fuq Rużar Briffa li qed tagħmlu f'kull ħarġa. Kemm jikxfu bis-serjetà l-karattru ta' dan il-poeta! Imma nixtiequ nkunu nafu aktar fuqu, l-aktar fuq il-bijografija tiegħu.

*Catherine Cauchi, is-Siġġiewi*

**Nota editorjali:** Fil-bidu tal-ktieb *Poeżiji Miġbura* hemm daħla tajba fuq il-ħajja ta' Briffa. U jekk tqalleb sewwa din il-ħarġa għandek issib f'paġ. 23 il-ġrajjiet ewlenin fil-qosor.


## DOSTOEVSKI – DELITT U KASTIG

Il-Bord Editorjali ta' *Analiżi* għadu kemm ħareġ is-suppliment ġdid fuq ir-rumanz **Crime and Punishment** ta' F.M. Dostoevski. L-istudju miktub minn Dr Ġużeppi Schembri, studjuż magħruf tal-letteratura Russa u maqlub għall-Malti minn Ġorġ Mifsud. Jinbiegħ 40ċ bil-posta b'kollox u jista' jinxtara mingħand Bugelli tal-Belt Valletta jew mingħand il-Merlin Library tal-Belt Valletta jew tal-Blatalbajda jew billi wieħed jibgħat ordni postali lokali jew ċekk lil *Analiżi*, Il-Liċeo Ġ.F. Abela, Misraħ Ġużè Debono, l-Imsida.

# IL-BIDU TAR-ROMANTIĊIŻMU

minn Catherine Galea



**L-għajn ta' kull ispirazzjoni għar-Romantiċiżmu kienet il-Poplu fl-ambjent naturali u storiku li nisslu fih Alla.**

Iċ-ċaħda ta' lsien il-poplu ma seħħitx f'Malta biss. Seħħet saħansitra f'pajjiżi kbar bħall-Ingilterra, Franza, l-Italja, Spanja u r-Russja. Il-lingwa tal-poplu tgħaqqad lin-Nazzjon. F'Malta xi elementi minn fost il-poplu mhux darba jew tnejn urew ix-xewqa li l-Malti jintuża mill-ħakkiema u mill-Knisja biex jifhmu aħjar dak li qed isir. Fl-1481 il-Ġurati Maltin talbu lill-Isqof biex ineħħi minn Kappillan tal-Katidral lil wieħed qassis barrani li ma kienx jaf bil-Malti. Fl-1555 il-Kunsill Popolari għażel lil Mons. Baldassare Cagliares bħala isqof għax kien jaf bil-Malti, filwaqt li l-kanoniċi u l-Kleru ma ridux li n-neputi ta' l-Isqof Cocco Palmieri jkun maħtur Vigarju ta' Malta għax ma kienx jaf bil-Malti.

Dan juri li minn kmieni l-lingwa tal-poplu beda jingħatalha xi ftit tal-prominenza. Maż-żmien bdiet tiżdied aktar il-ħtieġa li l-Malti jkun miktub b'alfabett u bi grammatika għalih.

Fost l-ewwel kittieba li wittew it-triq għall-kitba ta' l-ilsien Malti nsibu lil Ġann Franġisk Abela (1582—1655), lill-Kanonku Agius De Soldanis (1712—70) u lil Mikiel Anton Vassalli (1764—1829).

### Ir-Romantiċiżmu fl-Ewropa

Fl-Ewropa kollha, wara l-gwerer Napoljoniċi u speċjalment wara l-waqgħa ta' Napuljun u r-reazzjoni awtoritarja ma' tmiem il-Kungress ta' Vjenna (1815), il-kittieba u l-intellettwali ħassewhom frustrati u ddiżappuntati. Raw kemm it-tama tagħhom lejn il-kisba tal-libertà nazzjonali bl-indipendenza jew bl-unifikazzjoni (bħall-Italja) jew bil-gvern demokratiku, baqgħet timraħ fil-fantasija u fl-immaġinazzjoni tal-moviment magħruf bħala r-Romantiċiżmu.

Ir-Romantiċiżmu qasam ma' pajjiżi oħra l-karatteristiċi ta' ħarba u ta' qawmien kontra l-awtorità stabbilita, l-aktar dawk li għandhom x'jaqsmu ma' tematika letterarja u ma' kreazzjoni artistika u estetika.

Ir-romantiċi rribellaw kontra r-regoli fissi tan-neo-klassiċi f'isem il-libertà ta' l-espressjoni. Ippreferew li jinqdew bi kwalitajiet irregolari u mħalltin biex iwaqqgħu r-regola klassika, bħal, ngħidu aħna l-unità taż-żmien, tal-post u ta' l-azzjoni. Ir-romantiċi warrbu l-mitoloġija tal-qedem u skoprew temi oħra bħad-dinja fil-Medjuevu.

Fil-biċċa l-kbira ta' l-Ewropa r-Romantiċiżmu kien fil-biċċa l-kbira negattiv għax ħoloq firda bejn il-kittieba u l-pubbliku. Fejn qabel il-kittieb kien jimxi ma' żmienu, l-aktar kif jidher fir-regoli neo-klassiċi jew il-kurrenti li eżistew sa żmienu, fir-Romantiċiżmu l-kittieb ma mexiex aktar ma' żmienu għax ma baqax jaqbel mal-kultura tiegħu, għax aġixxa kontra tagħha b'tali mod li l-kontemporanji tiegħu ma fehmuhx u ma aċċettawhx.

Fl-Italja madankollu, ir-Romantiċiżmu kien anqas negattiv mill-bqija ta' l-Ewropa, saħansitra lanqas ma ħoloq firda bejn il-kittieb u l-pubbliku bħalma ġara fi Franza, l-Ingilterra u l-Ġermanja.

Ir-Romantiċi Taljani kienu qasmu l-frustrazzjonijiet u x-xewqat tagħhom mal-biċċa l-kbira taċ-ċittadini Taljani. Għalhekk, kienu favur il-kultura tagħhom u n-nies letterati ħadmu bis-sħiħ għal-liberazzjoni naz-



Ġann Franġisk Abela



Agius de Soldanis



M.A. Vassalli

zjonali. Dan jixhed li r-Romantiċiżmu fl-Italja kellu aspett pożittiv b'konnessjoni diretta mal-ħajja u l-politika nazzjonali. Ir-Romantiċi Taljani riedu l-libertà ta' l-espressjoni, riedu juru ż-Żminijiet tan-Nofs permezz ta' nies Taljani msemmijin għall-kobor tagħhom, u b'hekk irritornaw lejn ir-Reliġjon.

Sa sena wara l-Kungress ta' Vjenna Giovanni Berchet (1783–1851) fil-"Lettera semiseria di Gusostomo" jiddiskuti l-prinċipji u l-istruzzjonijiet letterarji. Jiddefendi l-libertà artistika fil-forma u l-użu ta' materjal nazzjonali u folkloristiku. Għalih il-poeżija neo-klassika jew it-tip ta' poeżija li rrenjat minn żmien ir-Rinaxximent, fl-imitazzjoni ta' mudelli qodma li jirriflettu l-kultura tad-dinja Griega-Latina, kienet "poesia dei morti" ('poeżija tal-mejtin'). Mill-banda l-oħra, il-poeżija romantika bħal dik li kienet bdiet fil-Ġermanja kienet magħrufa bħala l-"poesia dei vivi" ('poeżija tal-ħajjin'), għax kienet ġejja direttament mill-kultura tal-kittieba tagħha u mir-riflessjoni tan-natura kif jarawha huma.

Dan wassal għall-polemika bejn il-Klassiċiżmu u r-Romantiċiżmu. Insibu li l-ġurnal reazzjonarju *La biblioteca italiana,* żamm mal-klassiċiżmu bħalma għamel Vincenzo Monti (1754–1828) u Pietro Giordani (1774–1848). Min-naħa l-oħra l-ġurnal ewlieni romantiku *Il conciliatore* (1818–19) ġibed lejh nies anzjani bħall-poeta Carlo Porta.

Ma' Berchet insibu lil Alessandro Manzoni (1785–1873) li kien poeta u rumanzier, lil Federico Confalonieri (1785–1846), lil Giovanni Torti (1774–1852), lil Silvio Pellico (1789–1854) u lil Tommaso Grossi (1792–1853). Minn dan il-grupp Manzoni ħareġ bħala l-aħjar kittieb bis-saħħa tar-rumanz tiegħu *I Promessi Sposi.*

Ir-Romantiċiżmu Ingliż deher bis-saħħa ta' l-antoloġija *Lyrical Ballads*, li fiha tradizzjoni nazzjonali. Wordsworth qal li tgħanni "l-argumenti ta' kuljum b'mod li jagħtu l-impressjoni ta' xi ħaġa romantika u sopranaturali." Coleridge qal li tgħanni "l-argumenti romantiċi sopranaturali b'mod li jagħtu l-impressjoni ta' realtà."

Coleridge u Wordsworth fittxew ukoll lingwaġġ ġdid fil-kitba tagħhom. Tbiegħdu mir-regoli ta' qabel, l-aktar mill-użu tal-lingwa mhux mexxejja. Wordsworth uża mhux biss espressjonijiet li jintużaw mit-tfal, iżda wkoll dawk li bihom jinqeda l-poplu. Din toħroġ mill-imħabba għan-natura b'mod sempliċi u naturali.

Coleridge kien miġbud lejn il-klassi umli u lejn il-ballati. Il-poplu m'hux ħlief xogħol artistiku fih innifsu. Għal Wordsworth huwa wkoll l-espressjoni ta' komunità li tagħmel parti min-natura stess. Wordsworth, influwenzat bħal Shelley mill-kurrent Franċiż li beda minn Jean Jacques Rousseau, fittex il-libertà u s-sbuħija fin-natura. Il-libertà għalih tiġi mill-għaqda bejn in-natura — il-bniedem — u Alla, u mhux fil-libertà mnissla minn xi ribeljoni.



Coleridge



Wordsworth



Rousseau

## TAĦRIĠ-IL-FEHEM

minn ĠORĠ MIFSUD

# FIL-KARTUNA JEW FIL-FLIXKUN?

Jien qattajt sitt snin fl-amministrazzjoni ta' l-impriża tal-ħalib u nista' ngħid li xi ftit mill-problemi ta' dik l-industrija fhimthom. Nistieden lil ħbiebi biex flimkien niflu l-użu tal-kartun meta nipparagunawh ma' dak tal-fliexken tal-ħġieġ. Il-paragun nagħmluh fuq żewġ punti: l-indafa u l-ispiża.

Qabel jimtlew bil-ħalib il-fliexken tal-ħġieġ igħaddu mill-magna tal-ħasil fejn jitnaddfu jew aħjar jitqaxxru, b'deterġent qawwi, bil-misħun u b'ġett ta' fwar jagħli. Wara li jimtlew imorru fil-koldstor fejn jinżammu sakemm jitqassmu lill-bejjiegħa.

L-MMU kien ta' spiss iwissi lill-mara tad-dar biex il-flixkun, malli jitbattal, tlaħalħu, u *fih ma timla xejn.* Irrid ngħid li l-biċċa l-kbira tan-nies hekk kienet tagħmel.

Imma mhux kulħadd. Ġie li nżammu fil-fliexken krizol, żejt, u likwidi oħra, saħansitra urina! Ġie li meta waslu fil-fabbrika sibna fihom wirdien, ħanfus, u darba żring ħaj! Agħar minn hekk kien ikun il-bajd tad-dubbien, għax dan la bil-misħun, la bid-deterġent u lanqas bil-fwar ma kien jinqala'! Il-flixkun kien ikollu jitkisser.

Fil-każ tal-kartun dan ma jiġrix, għax jintuża darba u jintrema. U l-kartun m'hux materjal li ma jinqered b'xejn, bħalma hu l-plastik.

Jekk il-kartun iħammeġ, il-ħġieġ iħammeġ ukoll. Iż-żewġ materji nisthajjel li jistgħu jkunu "riċirkolati".

Ir-reċipjent tal-kartun jimtela b'magna apposta, jinżamm fil-koldstor, u daqshekk, għax ma jerġax lura fil-fabbrika.

L-istorja tal-flixkun hi xorta oħra. Meta joħroġ mill-fabbrika l-bejjiegħ kien fi żmieni jħallas erba' soldi għal kull wieħed bħala depożitu. Meta jiġi lura, l-istormen li jirċievi l-battal jagħti riċevuta, li l-bejjiegħ jieħu għand il-kaxxier biex mill-kont inaqqaslu dawk l-erba' soldijiet tad-depożitu.

Hawn ġie li saru abbużi, għax l-istormen fil-għaġla biex ilaħħaq ma' dawk il-mijiet ta' krejzijiet mimlijin fliexken vojta li jaslu f'daqqa, ma jkunx jista' joqgħod jifli kull krejz biex jara li fih ma jkunx hemm fliexken imkissra jew neqsin. Din kienet kawża ta' telf ta' flus għall-azjenda.

Mela biex tieħu lura l-battal trid timpjega stormen (iżjed minn wieħed ħtija tax-xifts); ħaddiema oħra biex jagħżlu l-fliexken qabel ma jmorru għall-ħasil; il-ħaddiema tal-magna tal-ħasil; il-ħaddiema tal-manutenzjoni; iżjed ħaddiema tal-kumpanija biex jaħżnu l-fliexken indaf għal-lest qabel jaslu għall-mili. U fl-uffiċċju tal-kaxxier kien jintilef ħin prezzjuż fil-konteġġ tar-rifużjoni tal-prezz tal-fliexken battala. Kollu xogħol dan li fil-każ tal-kartun ma jinqalax.

Sew il-fliexken kemm il-kartun iqumu l-flus. Hawn il-flixkun għandu ftit tal-vantaġġ, għax jintuża aktar minn darba. Imma mhux daqskemm uħud jaħsbu. Il-ħajja ta' flixkun, ras għal ras, kienet ta' tmien vjaġġi.

(Addattata minn "Ħalib" ta' Kilin, *Il-Mument*, 2 Ottubru, 1988)

## URI X'FHIMT

1. Qassar din is-silta fi kliemek f'mhux aktar minn 130 kelma.
2. Agħti isem ieħor lis-silta.
3. Agħti l-argument waħdieni li jissemma *favur* l-użu tal-ħalib fil-flixkun tal-ħġieġ.
4. Agħti fil-qosor l-argumenti li jissemmew *kontra* l-użu tal-ħalib fil-kartuna.
5. Kif taħseb li "L-MMU ta' spiss iwissi lill-mara tad-dar biex il-flixkun, malli jitbattal, tlaħalħu"? (vv. 12–13)
6. Agħti żewġ raġunijiet l-għala xi wħud min-nies kienu jabbużaw u jużaw il-flixkun għal skopijiet oħra milli għall-ħalib.
7. Meta kienet tasal l-azjenda biex il-fliexken tal-ħalib tkissirhom hija stess?
8. L-għala taħseb l-awtur isemmi li l-kartun bħala reċipjent huwa aħjar mill-plastik? (vv. 22–24)
9. Fisser: "Iż-żewġ materjali nisthajjel li jistgħu jkunu 'riċirkolati'" (vv. 25–26).
10. L-awtur igħidilna li "qattajt sitt snin fl-amministrazzjoni ta' l-impriża tal-ħalib" (vv. 1–2). Liema huma ż-żewġ kelmiet f'paragrafu 8 li jixhduh dan?
11. Għala kien ikun hemm "mijiet ta' krejzijiet mimlija fliexken vojta li jaslu f'daqqa"? (vv. 37–38)
12. Liema huma ż-żewġ abbużi ewlenin li kienu jsiru mill-bejjiegħa meta jirritornaw il-fliexken?
13. Semmi mill-anqas żewġ modi kif il-fabbrika tal-ħalib kienet qed titlef il-flus bil-ħalib fil-flixkun.
14. Jidher li l-kittieb jaqbel li l-ħalib jinbiegħ fil-kartun. Agħti fil-qosor u fi kliemek l-argumenti ewlenin tiegħu.
15. Fisser fi kliemek il-kelmiet li ġejjin *skond is-sens li għandhom fis-silta*:
    (a) jitqaxxru (v. 9);
    (b) ġett ta' fwar jagħli (vv. 9–10);
    (ċ) ma jerġax lura fil-fabbrika (vv. 28–29);
    (d) dawk l-erba' soldijiet tad-depożitu (vv. 34–35);
    (e) qabel jaslu għall-mili (v. 47);
    (f) fil-konteġġ tar-rifużjoni tal-prezz tal-fliexken battala (vv. 48–49).

### IL-GRAMMATIKA

16. Agħti l-mamma ta': (a) qattajt (v. 1), (b) jimtlew (v. 7), (ċ) imorru (v. 10), (d) jitqassmu (v. 11), (e) jinqala' (v. 20), (f) jintrema (v. 23), (ġ) joqgħod (v. 38), (g) jifli (v. 39), (għ) jagħżlu (v. 44), (h) jintilef (v. 48).
17. Agħti l-forma ta': (a) fhimthom (v. 3), (b) nistieden (v. 3), (ċ) igħaddu (v. 8), (d) jinżammu (v. 11), (e) iħammeġ (v. 25), (f) saru (v. 36), (ġ) ilaħħaq (v. 37), (g) jinqalax (v. 50), (għ) iqumu (v. 51), (h) jintuża (v. 52).
18. Sib l-egħruq ta': (a) nista' (v. 2), (b) ngħid (v. 2), (ċ) jimtlew (v. 7), (d) iwissi (v. 12), (e) jitbattal (v. 13), (f) tlaħalħu (v. 13), (ġ) jintrema (v. 23), (g) nisthajjel (v. 26), (għ) jaslu (v. 38), (h) jqumu (v. 51).
19. Nissel verb minn kull kelma li ġejja: (a) amministrazzjoni (v. 1), (b) ħalib (v. 2), (ċ) jitnaddfu (v. 8), (d) fwar (v. 10), (e) jagħli (v. 10), (f) bejjiegħa (v. 11), (ġ) wirdien (v. 17), (g) ħanfus (v. 17), (għ) tieħu (v. 42), (h) vjaġġi (v. 54).
20. Nissel partiċipju attiv minn: (a) igħaddu (v. 8), (b) jitbattal (v. 13), (ċ) jiġrix (v. 22), (d) jerġax (v. 28), (e) joħroġ (v. 30), (f) jiġi (v. 32), (ġ) joqgħod (v. 38), (g) telf (v. 40), (għ) ħasil (v. 45), (h) jaħsbu (v. 53).
21. Nissel partiċipju passiv minn: (a) qattajt (v. 1), (b) igħaddu (v. 8), (ċ) iwissi (v. 12), (d) tlaħalħu (v. 13), (e) timla (v. 13), (f) sibna (v. 17), (ġ) jirċievi (v. 33), (g) jifli (v. 39), (għ) timpjega (v. 42), (h) jagħżlu (v. 44).
22. Agħti l-farrad waħdieni ta': (a) ħġieġ (v. 5), (b) wirdien (v. 17), (ċ) ħanfus (v. 17), (d) bajd (v. 18), (e) dubbien (v. 19).
23. Agħti nom verbali minn kull kelma: (a) ngħid (v. 2), (b) jimtlew (v. 10), (ċ) igħaddu (v. 8), (d) jitqaxxru (v. 9), (e) jagħli (v. 10), (f) iwissi (v. 12), (ġ) tlaħalħu (v. 13), (g) sibna (v. 17), (għ) jiġrix (v. 22), (h) jaħsbu (v. 53).
24. Nissel aġġettiv minn: (a) amministrazzjoni (v. 1), (b) paragun (v. 5), (ċ) żejt (v. 16), (d) fabbrika (v. 17), (e) dubbien (v. 19), (f) iħammeġ (v. 25), (ġ) materji (v. 26), (g) abbużi (v. 36), (għ) uffiċċju (v. 48), (h) vantaġġ (v. 52).
25. Ehmeż il-pronomi mehmużin fil-persuni kollha tad-dirett u ta' l-indirett: (a) igħaddu (v. 8), (b) joħroġ (v. 30), (ċ) ilaħħaq (v. 37), (d) timpjega (v. 42), (e) jagħżlu (v. 44).
    (Eżempji ta' l-ewwel persuna singular: *dirett* = igħadduni, *indirett* = igħadduli).

# IR-REALIŻMU
# FIT-TEATRU TA' ĠUŻÈ DIACONO

minn Mario Azzopardi

**L-IDEA LI DAK LI JIĠRI fuq il-palk għandu jikkorrispondi ma' l-esperjenza fil-ħajja tal-pubbliku hi waħda qadima. Fit-teatru klassiku tal-Greċja, dan ir-realiżmu kien jinħass diġà, anki fl-aspett komiku tiegħu. Fiż-Żminijiet tan-Nofs, ir-ritwali tal-Knisja kienu ċelebrati fit-toroq, xi ħaġa li għadha tiġri sa llum. Aktar lejna, awturi importanti bħal Denis Diderot fi Franza kienu qed jispjegaw duttrina sempliċi tar-"realiżmu drammatiku". Diderot, hu nnifsu filosfu famuż ta' żmien l-Illuminiżmu Franċiż, kien ħabbar l-avvent tad-dramm serju (*genre sérieux* jew *drame bourgeois*) bid-dramm tiegħu stess *Missier il-Familja* (*Le Père de Famille*), miktub fl-1758. Kien dramm dwar ir-relazzjonijiet realistiċi fi ħdan familja: l-ereditá, it-twelid, l-edukazzjoni, u d-dmirijiet tal-missier lejn l-iben u viċi-versa.**

Il-bidliet soċjali fil-bidu tas-Seklu 19 ma tantx dehru li influwenzaw it-teatru Ewropew favur ir-realiżmu, iżda fir-Russja, l-awturi kienu qegħdin jirribellaw kontra l-korruzzjoni uffiċċjali. Forsi l-aqwa dramm realistiku anti-soċjali deher fir-Russja fl-1836, meta Nikolaj Gogol ħareġ bil-kummiedja irreverenti tiegħu *L-Ispettur tal-Gvern*, satira bla ħniena kontra l-burokrazija u t-tbagħbis politiku.

Fost l-imgħallmin tat-teatru realista nsemmu lil Emil Zola, li kien jemmen li hemm "xjenza ereditarja" li tikkondizzjona lill-bniedem, jew lil August Strindberg, li kien iqis lir-realtà bħala l-għadu tiegħu, u li kien joħloq karattri maqbudin f'xibka ta' xewqat li ma setgħux jitwettqu. Imbagħad hemm Bernard Shaw, Anton Cekov jew Maxim Gorki, li stabbilew forom aktar konkreti tar-realiżmu fuq il-palk u li t-tlieta kienu jemmnu li l-ispirtu tal-bniedem għad jittrijonfa.

Ġużè Diacono aktar ixaqleb lejn it-tendenzi ta' Zola milli ta' Shaw, Cekov jew Gorki. Hu nnifsu stqarr kemm-il darba li għalih, l-umanità hija kkondizzjonata mill-egoiżmu tal-bniedem, minn fatturi ereditarji jew soċjali li l-bniedem m'għandux saħħa jegħlibhom. Fl-essenza tagħhom, id-drammi ta' Diacono juru taqbida bejn ir-rieda tal-bniedem u l-qawwiet tad-destin u kważi mingħajr eċċezzjoni, il-karattri ta' dan l-awtur joħorġu telliefa. Imħallat mar-realiżmu ta' Diacono hemm ammont ta' tendenzi meħudin mit-teatru "naturalista" (li għalkemm jixbah ħafna lir-realiżmu, m'huwiex eżattament identiku miegħu). In-naturaliżmu fuq il-palk ta' Diacono jidher permezz ta' frustrazzjonijiet iddisprati u mill-ironija assurda tal-kondizzjoni umana.

Diacono ma jaċċettax li r-realiżmu drammatiku huwa biss xi proċess fotografiku. Fil-ktieb tiegħu *Wara Ibsen* (1972), Diacono jispjega ċar x'inhuma l-funzjonijiet tal-palk realista kif jifhimhom hu:

*L-awtur realista jqiegħed għadd ta' persunaġġi f'waħda mill-bosta sitwazzjonijiet li jara possibbli għalihom, imbagħad jagħżel wieħed mill-bosta żviluppi li toffrilu s-sitwazzjoni: iżewwaq l-ilwien u jikkalkula d-dożi differenti ta' importanza, iqassam l-ironija u l-umoriżmu, iħarrax l-enfasi u jtaffiha, joħloq kuntrasti ta' emozzjoni, azzjoni, kliem, toni, atmosfera u dwal, u, indirettament, ikun jikkummenta dwar il-ħajja.*

Din l-aħħar osservazzjoni ta' Diacono dwar il-palk bħala "kummentarju dwar il-ħajja", għandha importanza soċjali, għax fil-fatt, il-kunflitti ta' l-individwu huma prodott ta' kunflitti aktar imkabbra fis-soċjetà. Filwaqt li t-teatru ta' Diacono jrid joħloq integrazzjoni intima bejn il-karattri u l-udjenza, il-pubbliku stess jinsab taħt akkuża, għax huwa *implikat* fil-karattri. Dwar id-dramm tiegħu *L-Ewwel Jien!*, Diacono jinsisti li t-tema hija l-egoiżmu, u li fil-persuna tal-karattri ried jakkuża lis-soċjetà (ara, *Wara Ibsen*, paġ. 151).

Karatteristika oħra tat-teatru realista ta' Diacono għandha x'taqsam ma' "l-indipendenza" li teżisti bejn il-karattri ta' fuq il-palk u l-awtur. Diacono jinsisti li l-karattri jinteressawh bħala persuni maqtugħin, indipendenti minnu. F'intervista li ta lil Mario Azzopardi (30 ta' Novembru, 1988), Diacono sostna hekk:

*Jien ma nafx eżatt x'inhuma l-mottivi tal-karattri fid-drammi tiegħi. M'iniex konvint mill-mottivi li jġegħluhom jagħmlu dak li jagħmlu. L-intimu tagħhom ma nafux. Huwa t-teatru "espressjonista" li jinteressawh il-mottivi, imma jien nikteb drammi realisti — jiġifieri lili jinteressawni s-sitwazzjonijiet, il-kunflitti u r-riżultati ta' dawk il-kunflitti. Dwar il-karattri tiegħi, naf x'jagħmlu, naf x'qed jagħmlu, iżda huma karattri li m'humiex ikkontrollati minni. Ngħidu aħna, fid-dramm* L-Ewwel Jien!, *jista' jkun li Pawlina qed tfittex* "status symbol" *fil-Professur Vella, iżda jien stess m'iniex ċert għax bdiet relazzjoni miegħu.*



Diacono ma jemminx li t-teatru għandu jipprietka, iżda dan ma jfissirx li fid-drammi tiegħu m'hemmx messaġġ. Fid-dramm *L-Ewwel Jien!* Diacono jippreżenta karikatura ta' l-"Istabiliment" billi jintroduċi l-karattru tal-Professur, bniedem pompuż u ipokrita li jirrappreżenta lis-soċjetà ta' l-apparenzi. Fl-intervista ma' Azzopardi, imsemmija aktar 'il fuq, Diacono għamel stqarrija oħra relevanti:

> *Lili tinteressani l-problema tal-gidba soċjali. Il-maskra soċjali tinsab hemm il-ħin kollu. Hemm min jilbisha inkonxjament (bħalma jiġri fid-drammi ta' Pirandello) u hemm każi fejn soċjetà sħiħa tilbes maskra konxjament, apposta (bħalma jiġri fix-xogħol ta' Ibsen). Fid-dramm tiegħi* L-Ewwel Jien! *ridt nibni karikatura ta' din is-soċjetà maskerata permezz ta' Professur, persunaġġ ibbażat fuq bniedem li eżista tassew u li jien kont nafu personalment.*

L-ipokresija hija wkoll waħda mill-kondizzjonijiet li jorbtu lill-bniedem, li jikkondizzjonawh u jagħmluh priġunier. Din l-ipokresija tixbah ukoll lil xi proċess ta' ħasil-il-moħħ, bħalma jiġri lil Semjon fid-dramm *Erwieħ Marbuta*. Diacono jemmen li Semjon, il-karattru prinċipali f'dan id-dramm tiegħu, huwa "marbut għax moħħu mjassar" (ara, *Wara Ibsen*, paġ. 167). Anja wkoll hija marbuta, għax irrikattawha l-Ġermaniżi. Huma żewġ persunaġġi li jerġgħu jidħlu perfettament fil-viżjoni globali li għandu Diacono dwar il-Bniedem: Semjon u Anja huma bnedmin tad-demm u l-laħam li ma jifilħux għaċ-ċirkostanzi li jsibu ruħhom fihom. Ħafna u ħafna oħrajn jiġrilhom bħalhom. Dawn huma bnedmin immexxijin mill-kult tal-ħażen ta' Kajjin, pern mill-iżjed kruċjali fit-teatru ta' Ġużè Diacono.



## X'QAL DIACONO DWAR ID-DRAMMI TIEGĦU

### L-EWWEL JIEN

"F'*L-Ewwel Jien!*, b'arti studjata (għamilt) sforz konxju biex noħloq l-illużjoni tar-realtà, u nistabbilixxi integrazzjoni intima bejn karattri u udjenza.

"It-tema ta' *L-Ewwel Jien!* huwa l-egoiżmu, u fil-persuna tal-karattri nakkuża lis-soċjetà. Dawk li jidentifikaw id-dramm mal-prietka, u f'kull dramm ifittxu għall-messaġġ, isibu anki messaġġ f'*L-Ewwel Jien!* Mhux għax jien ridt nagħti xi messaġġ, imma għax joħroġ indirettament minn dak li jiġri. Il-messaġġ qatt ma ħmiltu, u ebda awtur b'sens artistiku ma jista' jaħmlu. Propaganda soċjali iva, imma messaġġ le, għalkemm id-differenza bejniethom hija żgħira ħafna. Id-drammaturgu li jinteressa ruħu fil-propaganda dejjem ikun f'periklu serju li jaqa' fit-teknika banali tal-messaġġ.

"Niġu għat-tema ta' *L-Ewwel Jien!* — l-egoiżmu. Għalija, ma jeżistix altruwiżmu. Kull azzjoni tal-bniedem hija mnebbha mill-egoiżmu. L-effett jista' jkun tajjeb u jista' jkun ħażin, imma l-mottiv huwa dejjem spirtu ta' egoiżmu. Wieħed jista' jagħti għajn lil ommu, jew anki ħajtu biex isalva lil sħabu, imma dak li jġagħlu jagħmel dan is-sagrifiċċju huwa l-egoiżmu.... Kulma nagħmlu, tajjeb jew ħażin, nagħmluh għax irridu nagħmluh, għax meta nagħmluh inħossu sodisfazzjon, għax jaqblilna f'sens materjali jew jogħġobna f'sens psikoloġiku."

### ERWIEĦ MARBUTA

"Il-qagħda li fiha kont insobt lil Semjon u Anja kienet tixbah lil dik ta' Sansun u Dalila, u qtajt li nfassal id-dramm tiegħi fuq dan l-episodju bibbliku. Dak li għamilt kien li ġibt lil Sansun fl-era moderna. Flok lil Sansun u Dalila kelli lil Semjon u Anja; flok il-Filistin il-Ġermaniżi; flok il-Lhud ir-Russi. Dik tas-saħħa li tmur u tiġi ma' xagħar Sansun għalija hi biss figurattiva.... Għalija, is-saħħa u l-qawwa ta' Sansun kienu jiddependu mhux minn xagħru, iżda mill-qawwa tar-rieda tiegħu.... Ir-rieda hija element importanti fil-binja tal-karattru ta' Semjon; din ir-rieda issa hija kkondizzjonata mill-proċess tal-*brainwashing* li minnu għaddewh l-egħdewwa: jiċċaqlaqx jew le, iqumx fuq tiegħu jew le, jiċħadx lill-għadu jew le, jintrabatx ma' niesu jew le.

"Ir-rieda ta' Semjon hija maħkuma mill-Ġermaniżi. Il-Filistin qatgħu xagħar Sansun; il-Ġermaniżi għaddew lil Semjon mill-proċess tal-*brainwashing* — l-ewwel ċaħħduh, ħaqruh u sawtuh; imbagħad, kif kien mormi u mxejjen, imbeżżà', imħawwad, fuq kollox agħma, qabdu jpaxxuh, tawh ix-xorb, il-lussu u n-nisa li ried, sakemm fl-aħħar ġabuh jaħseb kif riedu u qabel lilhom."

### L-GĦARUSA

"Id-djalogar li użajt f'dan id-dramm ... huwa differenti minn dak li użajt fiż-żewġ drammi l-oħra.... Ma nistax niċħad li dan id-dramm jieħu xeħta ċerebrali, imma jien nara aktarx tiżwiġa ta' realiżmu u ċerebraliżmu.... Il-personaġġi kollha, għalija, jitkellmu u jġibu ruħhom realistikament" (minn *Wara Ibsen*, 1972)

**Ġużè Diacono jiddefinixxi x'inhuma l-prinċipji ewlenin tar-realiżmu tiegħu u kif iħaddimhom fuq il-palk. Hu x'inhu, żgur li l-Bniedem ta' Diacono ma jiflaħx għaċ-ċirkustanzi li jsib ruħu fihom.**



ESEJ

# ID-DINJA RAĦAL GLOBALI

L-ewwel sinjali ta' komunikazzjoni li wera l-bniedem primittiv kienu probabbli ħsejjes differenti li hu kien jagħmel permezz ta' ħalqu jew billi jonfoħ ġo bebbuxu. Dawn il-ħsejjes kienu jindikaw il-mument li kien igħix fih bħal meta kien jinsab f'periklu jew meta kien jinqabad xi annimal għall-ikel.

Dawn il-ħsejjes u l-għajtiet ikkomplikaw ruħhom u taw bidu għat-tlissin tal-kelma. Il-leħen ma baqax biss għajta primittiva bħal ta' l-annimal imma l-għajta nbidlet f'kelma. Issa l-kelma kellha tinterpreta ċ-ċirkustanza li fiha kien qiegħed igħix il-bniedem u l-ħafna kliem għamel lingwa. Fil-proċess ta' kif evolviet il-komunikazzjoni l-konverżjoni minn ħsejjes distinti għal kliem distint u għal lingwa distinta għadha oskura. Il-lingwa lill-bniedem għarrfitu jiskopri orizzonti ġodda. Il-bniedem permezz tal-lingwa mhux biss għolla l-livell tiegħu imma wkoll bena tarġa oħra biex fis-soċjetà li hu kien qiegħed igħix fiha jsir iktar ċivilizzat. Il-jeroglifiċi Eġizzjani u Ċiniżi kienu l-ġenesi għall-alfabett li biż-żmien inbidlu f'simboli li interpretaw il-kelma. Mela l-kelma ma baqgħetx biss mitkellma fil-lingwa imma saret miktuba. B'din il-kitba l-bniedem għamel l-aħħar separazzjoni minn ma' l-annimal għax il-bniedem biss kien l-uniku annimal li tgħallem jitkellem permezz tal-kliem u li jaqra u jikteb din il-kelma.

Għalkemm dan seta' ġara biss xi ħamest elef sena ilu l-kelma kemm miktuba u mitkellma kienet għadha 'l bogħod minn ħafna popli. Il-poplu xorta kien għadu qisu qiegħed igħix fuq gżira u mhux fuq art għax il-komunikazzjoni bejn poplu u ieħor, bejn raħal u ieħor kienet għadha limitata ħafna. Ħafna ġrajjiet ikkontribwew biex ikun hemm dewmien fil-proċess ta' komunikazzjoni bejn pajjiż u ieħor. Kien hemm ukoll differenza ta' kif pajjiż żviluppa minn ieħor. L-affarijiet li bihom il-bniedem seta' jibni relazzjoni ma' pajjiż ieħor kienu għadhom anqas ġew għas-sens ta' għarfien tal-bniedem bħat-transport ta' l-art, tal-baħar u ta' l-ajru. Qabel dan iż-żmien eżistew skoperti li setgħu dawlu d-dinja għal iktar progress iżda d-dawl tagħhom kien għadu jnemnem jew kien għadu ma jidhirx fuq orizzonti ġodda.

Matul l-istorja ħsieb il-bniedem beda jagħraf kif jiskopri dawn l-orizzonti ġodda ta' komunikazzjoni. Fil-villaġġ tiegħu kien idur jew bil-mixi jew b'xi bhima tat-tagħbija. Maż-żmien beda jagħraf ix-xewqa tiegħu li ma jibqax f'artu iżda jmur u jiskopri art oħra. Din ix-xewqa ntlaħqet u l-iktar li kienu jivvjaġġaw minn post għal ieħor kienu fl-istaġuni nexfin. Il-bniedem beda jagħraf l-ambjent li fih igħix u għaraf ukoll

jitħallat man-nies ta' artijiet oħra. Meta kien imur f'art oħra beda jieħu wkoll miegħu l-affarijiet li hu kien jagħmel u meta jmur lura ġo daru kien jieħu miegħu l-affarijiet li n-nies l-oħra kienu jagħmlu. Dan kien isir permezz ta' bejgħ jew tpartit. B'hekk bdew l-ewwel sistemi ta' importazzjoni u esportazzjoni.

Il-bniedem meta skopra art oħra ma baqax biss destinat li jkun jaf lil ta' madwaru. Ma' l-għarfien ta' art oħra l-bniedem sar iktar soċjali, resaq iktar lejn il-bini ta' komunità għax b'hekk hu tgħallem jaqsam il-mottivi tiegħu kemm politiċi u reliġjużi ma' nies oħra. Maż-żmien din l-ospitalità nbidlet u minflok baqa' jara l-bniedem bħala xi ħadd li miegħu kien se jikber, beda jarah bħala invażur barrani. Bdew jiġġieldu fuq opinjonijiet differenti, fuq il-fruntieri ta' bejn l-artijiet tagħhom. Dan wassal biex il-komunikazzjoni bejn art u oħra tieħu d-dewmien tagħha. Matul is-sekli l-bniedem għaraf iktar kif ifixkel il-progress komunikattiv permezz ta' l-istint ta' dominanza. Biss kull epoka ta' żmien ġabet bidla kemm għall-ħażin u kemm għat-tajjeb jew kien hemm bilanċ fuq iż-żewġ naħat. Biss din il-bidla l-iktar li nħasset kien fis-seklu tmintax.

Għalkemm kull seklu kien żmien ta' tranżizzjoni s-seklu tmintax jibqa' jissejjaħ is-seklu ta' tranżizzjoni. Dan ma jfissirx li l-ġenji li għenu biex jibnu d-dinja f'ħolqa waħda ta' komunikazzjoni għexu fis-seklu tmintax biss. Galileo Galilei, Leonardo da Vinci, Kristofru Kolombu, Marko Polo u tant oħrajn kienu nies li taw dawl 'il barra minn żmienhom imma dan id-dawl kien għadu jnemnem quddiem orizzont oskur. Fis-seklu tmintax twieldu nies sensibbli li għarfu u skoprew dik il-qawwa ta' komunikazzjoni li kien ilha tant moħbija fid-dinja. Din il-qawwa ta' riċerka u skoperti ġodda wasslet għal inċentivi ġodda. Kull riċerka u skoperta kienet



biss ħolqa waħda ma' ħafna oħrajn biex id-dinja ssir iktar raħal globali.

Fuq l-art bdew jiżdiedu toroq għal ġol-villaġġ stess u beda jsir xogħol ta' estensjoni minn villaġġ għal ieħor. L-iktar li sar xogħol kien fuq it-toroq tal-ferrovija. Il-qawwa tad-dawl wasslet biex dawn it-toroq jiddawlu. Imma l-bniedem ma kellux biss iċ-ċans li jmur hu biex iwassal xi messaġġ jew jibagħtu permezz tal-posta tal-lokal imma hu seta' jitkellem dirett ma' persuna oħra permezz tat-telefon. Bl-iskoperta tal-komunikazzjoni mingħajr l-użu tal-wajer it-telegrafi setgħu jitkellmu minn ma' l-art għal dawk il-mezzi tat-trasport li kienu fuq l-art u l-baħar.

Din il-kelma li biha l-bniedem, tkellem, għallem, ħoloq, ik-



kmanda ma baqgħetx biss għad-dejja imma l-eku tagħha seta' jiġi reġistrat fuq kasett. Illum għad għandna kliem ta' demagogi mhux biss miktuba imma wkoll reġistrati. Mhux biss il-kelma ġiet reġistrata imma wkoll l-istampa permezz tat-televiżjoni. Din l-ewwel stoffa ta' progress wasslet biex seklu biss wara ġà għandna l-faċilità li nirreġistraw dawn il-programmi fi djarna permezz tal-vidjow. Imma fuq il-vidjow illum naraw wkoll dokumentarji fejn il-bniedem ma għarafx biss juża din l-għodda tal-progress. Forsi kien għadu 'żgħir'. Nafu biss li mill-ħafna kunflitti twieldu żewġ gwerer fejn art ippruvat teqred lill-oħra. Minflok l-ajruplani ġarrew in-nies għall-merħba ta' pajjiż ieħor ġarrew il-bombi għall-qerda ta' pajjiż ieħor. Forsi din kienet il-lingwa ta' vjolenza li biha pajjiż ikkomunika ma' l-ieħor u llum inqas minn nofs seklu wara, wara did-dalma noħolmu r-realtà ta' Ewropa magħquda.

Jista' jkun li l-bniedem ma felaħx għal din il-qawwa li ħadet f'daqqa fejn mill-mikrokożmu sab ruħu fil-makrokożmu. Hawn min ma qabilx ma' dan il-pass għax beża' li se jitlef it-tradizzjoni, il-lingwa, ir-reliġjon, il-politika ta' pajjiżu meta jitħallat man-nies ta' pajjiżi oħra. L-effett tagħha hu negattiv: naraw illum li pajjiż ma jistax ikun biss klawstrofobiku imma jrid ikun miftuħ kemm għall-ekonomija tiegħu u għall-motivi kollha li jsawru l-kultura tiegħu. Naraw fil-'Perestrojka' ta' l-Unjoni Sovjetika l-bżonn li tinfetaħ, ix-xewqa li tikkomunika ma' pajjiżi oħra. Irridu nagħrfu li ma għandniex bżonn nibnu iktar ħitan bejnietna imma għal dak li hu llum u għal dak li ġej irridu nibnu pont biex b'hekk did-dinja, did-'dar' li fuqha lkoll nabitaw bħala familja waħda mingħajr l-ebda distinzjoni ssir iktar raħal globali.

**MARK DEBONO**

# THE NEW AMSTRAD sinclair



# PC200
# PC200MM
# PC200CM

**ONE YEAR GUARANTEE**

*Feature Highlights*

IBM Compatible, 8MHz 8086, 16-bit processor, 512K RAM upgradeable by standard expansion RAM card, integrated display adaptor fully compatible with CGA (TV + mon) and MDA (monitor only), parallel Centronics Printer Port with standard socket, Serial (Communications) Port with standard socket, enhanced AT type keyboard with 102/101 keys, single 3 1/2" 720K disc drive, expansion socket for additional externally fitted 5 1/4" 360K or 3 1/2" 720K floppy disc, includes two button mouse with dedicated port, two full size IBM compatible expansion sockets, analog joystick port, compatible with most games software, MSDOS 3.3 disc operating software, GW-BASIC programming language, GEM 3 with Desktop, calculator and clock, Comprehensive user manuals.

For further information: contact Mr. Stephen Hall.

DATALINK COMPUTERS

**70 TA' XBIEX SEAFRONT, TA' XBIEX TEL: 339165.**

# KIF TANALIZZA POEŻIJA

## PARIRI PRATTIĊI GĦALL-ISTUDENTI

IL-POEŻIJA hija dik l-attività umana li normalment tixhed perċezzjoni speċjali dwar kif il-bniedem jittratta ċerti aspetti tal-esperjenza tal-ħajja. Hemm suġġetti li huma "prożajċi" wisq biex ikunu trattati f'poeżija: hekk, per eżempju, il-bini ta' "qasam tad-djar" mhux soltu li jnissel xi ispirazzjoni poetika. Lanqas it-tiftix għaż-żejt jew ix-xiri ta' karozza ġdida.

Il-poeżija tintuża l-aktar biex tfisser interessi (jew problemi) perenni fil-bniedem, bħat-tiftix għal xi forma ta' verità, ir-relazzjonijiet bejn il-bnedmin, azzjonijiet ta' kuraġġ, riflessjonijiet dwar l-inġustizzja, sentimenti spiritwali jew ħsibijiet dwar dak li huwa stramb jew misterjuż. Dawn huma kollha temi li matul iż-żminijiet ħtieġu li jkunu espressi bi spjegazzjonijiet intensivi u poetiċi.

Mhux il-poeżija kollha għandha l-istess intenzjoni. Hemm dik li tinkiteb biex tagħti gost, hemm dik li tinkiteb biex tipprotesta u hemm dik li tinkiteb biex tgħaddi xi messaġġ morali jew xi ideat oħra definiti. Iżda l-poeżija kollha, jekk hi tajba u serja, għandha żewġ għanijiet ewlenin: li tikkomunika xi ħaġa u li tosserva ċerti manjieri li jagħmluha opra ta' arti. L-isperimentazzjoni fil-forma u bil-kontenut f'dan is-seklu saret kotrana ħafna. Ma jistax jonqos li t-teknika aktar fluwida li bdew jużaw poeti kontemporanji (kif ukoll l-għażla ta' ċerti suġġetti) wasslet biex il-poeżija ssir diffiċli aktar jew oskura.

Il-lingwaġġ partikolari li bih tinqeda l-poeżija jissejjaħ "lingwaġġ ta' xbihat": rappreżentazzjoni pittorika, l-użu tas-similitudni, tal-metafora, tas-simbolu jew figuri oħra tat-taħdit ilkoll iwasslu għal esperjenza sensorja u/jew intellettwali. Fil-bqija ta' dan l-artiklu se jingħataw xi suġġerimenti prattiċi dwar kif għandha tkun analizzata poeżija. L-aħjar li nippruvaw inħaffu l-komprensjoni billi nagħmlu sensiela ta' mistoqsijiet kruċjali li jressquna minnufih lejn is-sustanza tal-poeżija partikolari li nkunu qed nanalizzaw.

**1.** X'impatt joħroġ mill-poeżija meta taqraha l-ewwel darba? X'inhi l-impressjoni tiegħi dwar il-poeżija bħala idea totali? Hemm ċarezza dwar it-totalità tal-poeżija?

**2.** Kif se nikklassifikaha l-poeżija? F'liema kategorija nista' nqegħedha? Lirika? Patrijottika? Filosofika? Kontestatorja?

**3.** Liema hu s-sentiment li l-aktar jiddomina fil-poeżija? Liema hu t-ton li qed jinħass l-aktar? Hemm ton wieħed għaddej il-ħin kollu jew hemm varjetà ta' toni li tinbidel mal-moviment minn strofa għal oħra?

**4.** Xi struttura għandha l-poeżija? Fuq min qed jitkellem il-poeta fil-poeżija? Hemm preżenza "fiżika" fil-poeżija? Jew hi riflessiva biss? Għal liema sensi qed tappella l-poeżija? Għal liema emozzjoni jew emozzjonijiet? Jew inkella qed tappella aktar għall-moħħ, għall-intellett? L-istruttura bażika hija fiżika, emottiva jew mentali?



Bħal kull arti oħra, il-poeżija għandha l-anatomija tagħha.

**5.** Fuq pjan aktar dettaljat, kif inhi mqassma l-istruttura? Hemm relazzjoni bejn il-ħsibijiet u l-istrofi? Il-ħsibijiet huma mqassmin b'mod li jirriflettu l-importanza tagħhom permezz tat-taqsimiet varji li hemm fil-poeżija? Il-partijiet huma ugwali jew hemm taqsimiet li jiddominaw? Liema partijiet (jew taqsimiet) qed jiddominaw? Għala taħseb li l-poeta jridhom jiddominaw?

**6.** Hemm burdata waħda fil-poeżija jew hemm burdati varji?

**7.** X'taħseb dwar il-forma? Hija organizzata jew maħlula? L-għażla tal-forma taqbel mal-kontenut? U t-tul tal-versi? Hemm uniformità jew hemm taħlita ta' qisien? X'qed jakkwista l-poeta jekk qed jesperimenta? Fil-każ li hemm sperimentazzjoni teknika, din tirnexxi jew le?

**8.** X'inhuma l-figuri tat-taħdit li qegħdin jintużaw fil-poeżija? Hemm personifikazzjoni? Hemm metafori? Hemm alliterazzjonijiet jew assonanzi? Hemm effetti ta' ripetizzjoni? Għala? U jekk hemm nuqqas ta' figuri tat-taħdit (każ li m'hux rari fil-poeżija moderna), għala qed juża lingwaġġ xott il-poeta? Hemm oriġinalità fil-figuri tat-taħdit? Jew ix-xbihat huma klixeati? Hemm vitalità?

**9.** Kif qed jikkontribwixxu biex tirnexxi t-tema xi aspetti bħat-tensjoni li hemm fir-ritmi? X'jindikaw ir-ritmi? B'liema pass mexjin? Ħfief? Imtaqqlin? Stakkati? Aggressivi? Kwieti? Hemm melodija? Interna jew irrimata fit-tarf? Jekk kellha tintuża xi teknika metrika oħra, il-poeżija tirnexxi aktar jew tiddgħajjef?

**10.** Kif taħseb li fatturi oħra (eż. l-epoka ta' meta nkitbet il-poeżija) li m'humiex dikjarati fil-poeżija jistgħu jgħinu biex tifhem aħjar dak li esprima l-poeta? L-informazzjoni dwar l-ideat soċjali jew politiċi jew reliġjużi, fost l-oħrajn, li naf li kien iħaddan il-poeta nista' norbothom biex nifhem aħjar il-poeżija li qed nistħarreġ? Fi kliem ieħor, għandhom relevanza għal dan ix-xogħol partikolari li qed nanalizza?

**J.C. MANGION**

# FISHER
# DIGITAL VIDEO

## *For those who seek perfection in video pictures*

***Freezes picture on direct T.V. transmission.***

***Lm.369 Cash***



Fisher digital video brings the latest technology to the video market giving video images only perfectionists dream of.

There are 2 models to choose from. the FVH-D40 and the Hi-Fi Model FVH-D50. Standard features include:

- 2 video heads + 2 Hi-Fi audio heads
- Standard Play, LP for Hi-Fi (*8 hrs,*)
- Multi TV Sound
- VHS Hi-Fi Equipment
- Picture Search (*x 9*)
- Slow Motion, variable; 1/4 - 1/25 (*digital, noise free*)
- Frame Advance (*digital, noise free*)
- Quick Motion (*x 2 digital, noise free*)
- Go-To functions
- Remote Control with display

### *Digital Picture Effects*

Picture in picture from all programme sources
TV still picture, also at "picture in picture" mode
Automatic sequences of still pictures, variable speed (Mono Strobe)
Automatic sequences of still pictures with 9-fold subdivided screen format (Multi Strobe)
Mosaic effects
Picture variations with 3 different colours (Paint)
Multi TV channel search with 9-fold subdivided screen format
Multi Index Search with 9-fold subdivided screen format
Zoom effects on 5 different sections of the picture at all programm sources

***Sole Agents***

PETRONI

- **Head Office and Servicing Department,** Joe Gasan Street, Pieta. Tel: 229608
- **City Gate,** Valletta. Tel: 226384
- **Fisher** Bisazza Street, Sliema. Tel: 317522
- **Atari** Paola Square, Paola. Tel: 782809
- **Roadstar,** Mannarino Road, B'Kara. Tel: 497353

# ANTOLOĠIJA TA' PROŻA MALTIJA

**ARTIKLU TA' ĠUŻÈ DIACONO DWAR IT-TIENI VOLUM**



**Dan il-volum igħaqqad ix-xbiha tal-proża Maltija kif miġbura u rappreżentata mill-għażla tal-kompilatur, Ġużè Aquilina. Hawn il-progress u t-tibdil li sar fit-tliet fergħat ewlenin tal-proża Maltija: ir-rumanz, in-novella u l-esej. It-tibdil li hemm fit-tieni nofs, bejn wieħed u ieħor, ta' l-ewwel volum, baqa' sejjer u beda jidher aktar u aktar ċar, mhux biss fil-kontenut, iżda wkoll fl-istil u l-espressjoni u l-idjoma. Hemm ukoll rappreżentanza ta' studji soċjali, kritika letterarja, folklor u kitba oħra varjata.**

**Ir-Rumanz**

Ir-rumanz ikompli, l-ewwelnett, bix-xejra storika-romantika bis-saħħa tar-rumanz ta' Ġużè Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet* (1938), bis-silta minnu "Taqbida mar-Ruħ". Madankollu, fir-rumanz ta' Aquilina tidher sewwa l-influwenza tar-rumanz storiku-romantiku Ingliż, u għalhekk miegħu bdejna nitbiegħdu mill-influwenza tar-rumanz Taljan li ħakmet lill-ewwel rumanzieri tagħna. Ma' Aquilina hemm ukoll interess fil-problemi soċjali, il-protesta kontra l-preġudizzji u l-inġustizzja tal-klassi li taħkem u taħqar lil oħra. Aquilina ma jgħidx biss rakkont, imma jinteressawh ukoll il-kondizzjonijiet li fihom igħix il-poplu, u anki l-inġustizzja razzjali. Ta' min igħid ukoll li f'dan ir-rumanz, Aquilina beda sensiela ta' xogħlijiet letterarji u fl-istess ħin didattiċi, kollha preokkupati bil-messaġġ ta' l-imħabba evanġelika, li wara kompla bid-drammi tiegħu, *Il-Bniedem li Ċaħdu* (1955) u *Arbli fuq il-Bjut* (1962).

Għalkemm f'dan il-volum ma nergħgħux niltaqgħu ma' Ġużè Galea, madankollu, bis-saħħa tiegħu, ir-rumanz storiku-romantiku Malti baqa' miexi u jagħti l-frott tiegħu minkejja r-riħ tal-bidla, li beda jinħass ma' Ġużè Ellul Mercer, u nefaħ sewwa meta waslu r-rumanzi ta' Ġużè Chetcuti. L-aħħar rumanz storiku-romantiku ta' Ġużè Galea, *Id-Dinja Rota*, ġrajja ta' żmien il-Franċiżi f'Malta u l-ewwel snin ta' l-Ingliżi, ħareġ fl-1966. Sadattant, mewġiet u interessi ġodda dehru fil-kitba ta' rumanzieri oħra. Mhux għax ir-rumanz storiku ma baqax jinkiteb. Għandna r-rumanz ta' Ġużè Cardona, *Manwel Ġellel* (1961) u *Il-Mara li Għexet* (1975) ta' Ġorġ Scicluna, it-tnejn fuq l-isfond ta' l-ewwel żmenijiet ta' l-Ingliżi f'Malta. Imma fit-tnejn li huma ma tinħassx qawwija n-nota romantika bħalma tinħass fir-rumanzi storiċi tradizzjonali, u l-karatteriz-zazzjoni hija għalhekk aktar konvinċenti minn dik ta' Ġużè Galea u l-kittieba ta' qablu.

Waqt li Aquilina nnifsu żewwaq ir-rumanz storiku tiegħu b'interess soċjali, u saħansitra l-aħħar rumanz ta' Ġużè Galea, *Fiex Wasalna!* (1974) kien ta' natura soċjali, bi ġrajja ta' żminijietna, ir-realiżmu, imqar jekk kien limitat għar-rumanz waħdani ta' Ġużè Ellul Mercer, *Leli ta' Ħaż-Żgħir* (1938), kien ġà beda jinħass. Minbarra r-realiżmu taċ-ċirkostanzi, jolqtuk ir-realiżmu tal-karattri u l-verità tal-psikoloġija, f'dan

**IKOMPLI F'PAĠNA 16**

# LINJI ĠODDA: TENDENZI U ESPRESSJONI

**L-istess kif ġara f'ħafna nħawi tad-dinja letterarja, il-Moviment Modern f'Malta beda bħala konfront għar-Romantiċiżmu. Kellu parti ewlenija f'dis-sitwazzjoni l-*Moviment Qawmien Letterarju*, imwaqqaf fl-1967 bil-ħsieb determinat li jaġġorna l-letteratura Maltija u jġibha ras imb'ras ma' dak li kien qed jiġri fil-kontinent Ewropew u fl-Amerika.**

Diversi poeti ġodda f'Malta kienu influwenzati direttament jew indirettament mill-poeżija u mill-ħsieb kritiku ta' żewġ persunaġġi li ddominaw ix-xena tal-poeżija moderna internazzjonali: T.S. Eliot u Ezra Pound. Eliot kien l-ewwel poeta u kritiku li ħareġ bil-frażi famuża *dissociation of sensibility*. Il-frażi kien użaha l-ewwel darba fl-esej importanti li kien kiteb fl-1921 dwar il-Poeti Metafiżiċi tas-seklu 17. Eliot kien fost il-pijunieri li mexxew id-duttrina dwar ix-Xbiha bħala l-qofol tal-poeżija. Bħalu, awturi oħrajn kienu qegħdin igħidu li *the primary pigment of poetry is the Image* jew li *the poetic myths are dead and the poetic image, which is the myth of the individual should reign in their stead* (C. Day Lewis).

Mill-banda l-oħra, fl-ewwel nofs tas-seklu 20, E. Pound kien ħareġ bil-kredu tiegħu dwar ir-ritmu l-ġdid, dwar il-lingwa tas-simboli, dwar it-teknika liberatorja, u dwar il-vers ħieles (*vers libre*). Pound kien il-bniedem li sa mill-1913 kien afferma ruħu bit-teorija tiegħu dwar *Ir-Ritmu Assolut*, jiġifieri dak it-tip ta' ritmu li jikkorrispondi bl-eżatt ma' l-emozzjoni li jesprimi l-poeta.

F'Malta, teoriji bħal dawn kienu laqgħuhom il-poeti l-ġodda li tfaċċaw f'nofs is-Snin Sittin, meta Malta kisbet l-Indipendenza tagħha (1964) fost kontroversji kbar soċjali-politiċi-reliġjużi. L-influwenza tas-simbolisti moderni bdiet tinħass sewwa fil-poeżija l-ġdida u l-forma tal-poeżija lokali bdiet issir dinamika, mimlija b'esperimenti viżivi, grafiċi u ritmiċi. Il-moviment tal-*concrete poetry*, mibdi barra minn Malta fis-Snin Ħamsin, intlaqa' mill-poeti moderni Maltin madwar għaxar snin wara u din kienet xi ħaġa li qajmet reazzjoni kbira minnaħa tal-kamp tradizzjonali, dominat mill-Università u mill-Akkademja tal-Malti. L-istess istituzzjonijiet kienu qegħdin jagħmlu kampanja sħiħa kontra l-kontenut "ardit u arroganti" li beda dieħel fil-poeżija l-ġdida.

Iżda kollox beda juri li l-poeżija moderna ma setgħetx tmur lura. Il-poeti l-ġodda, l-aktar dawk imsieħba fil-Moviment, bdew joħorġu bil-manifesti tat-twemmin tagħhom. Riedu li l-poeżija tkun iebsa daqs il-granit, li l-forza tagħha titnissel mill-verità espressiva, li jkollha poter qawwi biex tqanqal argumenti u diskussjonijiet. Riedu, fuq kollox, dak li kien issuġġerixxa l-kritiku Maurice Hewlett: *twentieth century poetry should be nearer to the bone.*

Wieħed mill-ewwel kritiċi Maltin li beda josserva xebh bejn il-poeti lokali ġodda u l-poeti metafiżiċi tas-seklu 17 kien il-Prof. Peter Serracino Inglott, il-"kompilatur" u l-kummentatur ta' l-antoloġija *Linji Ġodda* (1973). Serracino Inglott, influwenzat mit-teżi ta' T.S. Eliot, beda jara tendenzi mis-seklu 17 kristallizzati fil-poeżija l-ġdida (l-interess fid-dinja tax-xjenza u l-ossessjoni bil-mewt, fost l-oħrajn).

Fl-ispazju qasir ta' dan l-artiklu m'huwiex possibbli li niddiskutu fit-tul ir-rabta bejn il-poeti moderni u dawk tas-seklu 17, iżda tajjeb li tingħata daqqa ta' għajn ħafifa lejn dak li kien kiteb Eliot dwar il-poeta John Donne (1573–1631). Eliot kien fisser li għal Donne, kull ħsieb kien esperjenza; esperjenza li timmodifika s-sensibbiltà tal-poeta. Għal Eliot, il-moħħ ta' poeta jipprova jamalgama l-ħin kollu esperjenzi kaotiċi u frammentarji. Din l-irregolarità kaotika għal bniedem normali ma tfissirx wisq, imma għall-poeta tfisser ħafna — f'moħħu jkun qed jipprova jifforma unità ġdida minn dak li jkun frammentat. Min-naħa tagħhom, il-poeti Metafiżiċi tas-seklu 17 kellhom f'idejhom mekkaniżmu ta' sensibbiltà li kien jibla' kull tip ta' esperjenza. Il-Metafiżiċi kienu jafu jkunu sempliċi, diffikultużi, artifiċjali, jew fantastiċi. It-teorija dwar id-*dissociated sensibility* tnisslet sewwasew mill-poeti tas-seklu 17 u baqgħet marbuta mal-poeżija moderna.

Il-poeti moderni f'Malta wrew l-istess interess straordinarju f'kull esperjenza li jiltaqgħu magħha. Moħħhom beda jaħdem fuq ħafna livelli frammentati — bdew jinteressaw ruħhom b'mod passjonat fil-politika, fl-edukazzjoni, fil-filosofija, fix-xjenza, fil-psikoloġija, fir-rivalutazzjoni tar-reliġjon, fl-istorja kolonjali tal-pajjiż, fl-estetika professjonali jew kummerċjali u fir-ribeljoni kontra l-i*Status Quo*. Il-varjetà kbira ta' temi u stili li bdew jinteressawhom għandha tkun prova biżżejjed tal-moħħ aġitat tagħhom. Din is-sensibbiltà "mkissra" hija wkoll riflessjoni tal-Jien frammentat fil-poeti moderni Maltin. Qatt qabel daqs is-Snin Sittin ma kien hemm poeżija daqshekk ambigwa, daqshekk protestarja, daqshekk sperimentali jew daqshekk investigattiva. L-investigazzjoni ma tidhirx biss mill-aspett soċjali jew kollettiv, iżda tidher ukoll b'mod kroniku fil-mod ta' kif il-poeta modern janalizza, iċanfar, jesponi, jirredikola jew jikkastiga lilu nnifsu.

Il-moviment modern, anki f'Malta, jibqa' joffri sfida. L-isfida hija motivata mill-mod ta' kif il-moderni ttrattaw l-esperjenza tal-ħajja u taddinja bħallikieku kienet esperjenza kbira, intensa u unika. Il-moderni riedu jintensifikaw l-espressjoni tagħhom billi jsostnu li l-preżent huwa differenti mill-imgħoddi, u dan għax ħassew li fl-epoka moderna kienet qed tiġri xi ħaġa li ma kellhiex preċedenti storiċi. Kienu jemmnu li s-soċjetà industrijalizzata u mekkanizzata, is-soċjetà li biddlet liddinja f'*raħal globali*, ikkondizzjonat lill-bniedem b'mod li r-relazzjonijiet tal-bniedem miegħu nnifsu, mal-bnedmin l-oħra u ma' l-ambjent tbiddlu radikalment.

F'Malta wkoll, il-moviment modern fil-poeżija kellu ż-żewġ alternattivi li kien kiteb dwarhom il-poeta u kritiku Ingliż Stephen Spender fil-ktieb tiegħu *The Struggle of the Modern* (1963). Skond Spender, il-poeta modern dejjem ħaseb li kien hemm żewġ għażliet għalih — (a) it-trasformazzjoni taċ-ċiviltà bis-saħħa ta' viżjoni rivoluzzjonarja mnebbħa mill-arti jew (b) it-tmiem taċ-ċiviltà. Biex jieħdu sehem attiv kontra l-possibbiltà tad-"dalma finali" li kien ħabbar xi poeta bħal W.B. Yeats, il-poeti, anki l-Maltin, assumew responsabbiltajiet trasformatorji. Flok joqogħdu jistennew it-tmiem taċ-ċiviltà, ħadu pożizzjonijiet determinati, bdew jirrevedu d-dommi u jfasslu dommi ġodda, bdew joqorsu fil-laħam il-ħaj ta' dawk li jmexxu lis-soċjetà, immobilizzaw lill-poplu (anki f'Malta, il-poeti tas-Snin Sittin kellhom udjenza kbira popolari) u bdew ivaraw esperimenti tekniċi bla heda. Il-moviment modern f'pajjiżna ddakkar ħafna minn dil-parteċipazzjoni mifruxa, imqar jekk, wara kollox, il-kriżi l-iktar profonda — il-kriżi ta' l-identità tal-Jien — tibqa' tidher mhux solvuta, għallinqas mill-poeżiji li jidhru f'*Linji Ġodda*.



# ANTOLOĠIJA TA' PROŻA MALTIJA

JAQBAD MINN PAĠNA 13

ir-rumanz, għalkemm id-djalogar għadu 'l bogħod mid-djalogar realistiku li nafu llum. Madankollu, meta nkiteb dan ir-rumanz, il-Maltin ma kinux lesti għalih. *Taħt Tliet Saltniet* u *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ikkompetew fl-istess konkors imniedi mill-Gvern. Dak ta' Aquilina ngħata l-ewwel premju, kif kien mistħoqq, imma l-ġurija, għadilli magħmula minn nies ta' skola kbira, donnha tnaffret mill-verità li ppreżentalha Ellul Mercer, jew seta' jkun li beżgħet minnha għax l-awtur irrakkonta "bil-Malti" kif ra lid-dinja u kif tabilħaqq kienet! Hu x'inhu, ir-rumanz tqiegħed wara oħrajn ta' valur u merti wisq iżgħar.

Il-vena realistika, anzi verista, imbagħad qabadha Ġużè Chetcuti, li ħaddimha, bħali, fuq il-palk ukoll, fid-dramm *Il-Kerrejja* (1963). F'din l-antoloġija, Chetcuti huwa rappreżentat b'silta minn *L-Isqaq* (1962), jisimha, "Il-Ħajja fl-Isqaq", b'element qawwi awtobijografiku. Chetcuti, bir-realiżmu tiegħu, tana kwadri impressjonanti mill-ħajja Maltija, l-aktar mill-ħajja tal-proletarjat, drabi koroh drabi sbieħ, imma dejjem veri, f'rumanzi bħal *Imħabba u Mewt* (1961), *It-Tnalja* (1964) u *Nirien ta' Mħabba* (1967). Lili dejjem ikkonvinċieni, kemm bil-ġrajjiet u kemm bil-karattri, barra fl-aħħar rumanz, *Nirien ta' Mħabba*, li għalija ma jilħaqx il-livell tar-rumanzi l-oħra, barra li fih xi difetti ta' fatti, bħal, ngħidu aħna, il-proċedura fil-ġuri tal-qrati tagħna.

Bil-veriżmu tiegħu, Chetcuti wera l-istampa tal-wiċċ, il-ġrajja u l-imġiba li jidhru, u jħalli l-konklużjoni, u forsi l-interpretazzjoni wkoll, għal min jaqra, proċess li jipprovdi esperjenza interessanti għall-qarrej, għax iħajruh jixxierek dak li jkun jiġri u għalhekk iħossu mill-qrib. Mal-veriżmu ta' Chetcuti, żvilupp-paw xeħtiet oħra tar-rumanz soċjali, bħal dik ta' Mary Mejlaq u Wistin Born (it-tnejn rappreżentati fl-ewwel volum), li pinġew il-ħajja bla ma għamlu enfasi fuq in-naħa kerha tagħha, u dik ta' kittieba bħal Albert Cassola, li baqgħu lura fiż-żmien romantiku ta' Ġużè Bonnici. F'dan il-volum tidher silta, jisimha "Nestu", mir-rumanz ta' Albert Cassola, *It-Tfajla bil-Fjur fuq Sidirha* (1976). Imbagħad, bis-saħħa ta' kittieba bħal Joe J. Camilleri, Frans Sammut u Trevor Zahra, u warajhom Oliver Friggieri, beda jfiġġ ir-rumanz psikoloġiku, li jipprova janalizza l-mottivi li minnhom jitnissel l-għamil, igħarbel il-moħħ, u jistħarreġ l-influwenzi soċjali u konġenitali. F'dan il-volum għandna "Ix-Xejra tal-Bidu", misluta mir-rumanz ta' J.J. Camilleri, *Is-Sejħa ta' l-Art* (1974), "Id-Deċiżjoni" mir-rumanz *Il-Ġibda* (1977), ta' Oliver Friggieri, b'reqqa ta' psikoloġija konvinċenti, u mbagħad siltiet mir-rumanzi ta' Frans Sammut, "Tfaqqa' t-Tempesta" minn *Il-Gaġġa* (1971), u "Tisfija" minn *Samuraj* (1976), żewġ siltiet fejn jidhru l-qawwa u fl-istess ħin is-sempliċità ta' stil ċar u espressiv li jasal u jolqot, kitba diretta li ma titmeżmeżx mill-fatti psikoloġiċi jew materjali tal-ħajja umana. Dawn iż-żewġ rumanzi jqiegħdu lil Frans Sammut fil-post ta' quddimnett fir-rumanz Malti. Sadattant, ir-rumanz soċjali jibqa' għaddej b'kitba bħal dik ta' V. Buhagiar f'*Id-Dar f'Tarf ir-Raħal* (1979) u *Kien Kwinta l-Qamar* (1972) ta' Lina Brockdorff.

Beda u ssaħħaħ ukoll ir-rumanz poliz-jesk. Tassew li l-bidunett nafuh lil Ivo Muscat Azzopardi bir-rakkont qasir tiegħu, *Triq id-Dejqa Numru 313* (1938), imma huwa issa li dan it-tip jidher bejn wieħed u ieħor stabbilit bir-rakkonti ta' Paul Xuereb (hawn mhux rappreżentat) u ta' Joseph Attard, li f'din l-antoloġija għandu "L-Irkant", silta minn *Taħt is-Sinjal ta' Taurus* (1974). Ta' min ifakkar ukoll f'*Ix-Xhud li ma Deherx* (1970) ta' Ġorġ Zammit. Ġeneru ieħor li jien innifsi kelli sehem fih b'xi novelli minn tiegħi, huwa dak tas-sopranaturali jew l-extra-terrestri, fejn huwa ħabrieki ħafna Anton Grasso, mhux rappreżentat f'din l-antoloġija.

Interessanti li tinnota li hawn Malta fir-rumanz ġara dak li ġara f'artijiet oħra meta r-rumanz qaleb mir-romantiku għar-realiżmu u mbagħad għall-istħar-riġ psikoloġiku u psiko-analitiku, bid-differenza li dak li beda jiġri hawn Malta ftit tas-snin ilu, fil-bqija tal-Ewropa beda jseħħ sa minn nofs is-seklu l-ieħor. Hekk, wara li Gustave Flaubert, bir-rumanz tiegħu *Madame Bovary* (1856) qiegħed is-sisien tar-rumanz modern, l-Ewropa baqgħet miexja biex tatna kittieba bħal Tolstoi u Dostoevski, u mbagħad għaddiet għal Thomas Mann, James Joyce, Franz Kafka u tant oħrajn — imma sadattant baqgħu jinstemgħu ilħna romantiċi bħal dawk ta' Alexander Dumas "père" (1802—70), Victor Hugo (1802—85) u Charles Dickens (1802—70), għalkemm kemm Hugo u kemm Dickens kellhom ukoll interess qawwi fl-inġustizzji soċjali ta' żmienhom, u dan urewh fir-rumanzi tagħhom. Hawn Malta, ir-rumanz, wara l-bidu storiku-romantiku, b'ton qawwi patrijottiku, beda bil-mod il-mod, bosta snin wara l-bidu provokanti imma iżolat ta' Ġużè Ellul Mercer, u mbagħad ma' Ġużè Chetcuti, jaqleb għal xejra moderna, realistika, beda jaffronta l-ħajja fir-realtà u l-verità tagħha, mhux jaħrab u jfittex fl-istħajjil romantiku dak li ma ssibx fil-ħajja kif nafu li hi tabilħaqq, xi drabi saħansitra jittrattaha b'sarkażmu, bħalma għamlu Juan Mamo f'*Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* (1930) u M.C. Spiteri (Kilin) f'*L-Għafrid* (1975).



**In-Novella**

In-novella Maltija għamlet bidla sħiħa. Bħalma rajna fir-rumanz, ġà fit-tieni nofs ta' l-ewwel volum bdiet tidher il-bidla, u issa, mat-tieni volum, naraw kemm tbiegħdet in-novella Maltija minn dik bikrija, għadilli xi xebh għadu għaddej f'xi novelli, bħal dawk ta' Tusè Costa bil-"Kappillan" bħala protagonista.

F'dan il-volum nibdew b'eżempji tan-novelli soċjali, semi-awtobijografiċi, bħal "Il-Palma tal-Birgu", ta' Ġużè Aquilina, u n-novella tiegħi, "Papà Ġdid". Aquilina, jiftakar meta, żagħżugħ li ġie minn Għawdex biex jistudja fl-Università, kien igħix għand zijuh fil-Birgu, u jien niftakar fi żmien li għaddejt minnu fi tfuliti.

M'għandniex x'ngħidu, is-sens ta' umoriżmu jibqa' għaddej, bħalma juri Lawrence Mizzi f'"Il-Miraklu ta' l-Inbid", u b'anqas enfasi M.C. Spiteri (Kilin) f'"Dell ta' Fatat", fejn hemm

ukoll nota sentimentali fi speċi ta' *twist* finali, meta naraw lil Dun Belinn jagħmel karità bil-moħbi ma' dawk li innoċentement kienu jilmentaw mixxeħħa tiegħu. "Anġla tal-Ħelu" hija waħda minn bosta novelli li Ġużè Cassar Pullicino sawwar fuq karattri li ltaqa' magħhom f'żgħożitu. F'"Abjad u Iswed", ta' Peter Caruana, niltaqgħu ma' mara li tmur f'xatt il-baħar u dak li tara u tistħajjel iġagħalha tirrifletti fuq il-ħajja u x-xejn tagħha, miktuba bi proża poetika, saħansitra fir-ritmu, li ħafna drabi jisfa artifiċjali u irritanti, u b'inverżjonijiet bħal "x'ħin rashom stajt nilmaħ" u "ta' llum it-twemmin", li llum anqas fil-poeżija ma għadek issibhom. In-novella "Ħabib" ta' Lino Spiteri tipproponilna l-anormalità ta' żagħżugħ li jobgħod lil ħabibu b'mibegħda bla sens u jasal biex joqtlu (kitba li tfakkarni f'dik ta' Edgar Allan Poe). Oliver Friggieri huwa rappreżentat b'"Barabba", novella sensittiva li, ikolli ngħid, hija mnebbħa minn bniedem mherwel li għex tabilħaqq u sa ftit snin ilu kien jiġġerra fit-toroq tagħna.

Trevor Zahra għandu tliet novelli. F'waħda minnhom, "L-Għaġeb tal-Presepju", nistħajjel li jrid juri b'kitba allegorika li jeħtieġ li nikkoltivaw sens ta' mogħdrija u mħabba ma' l-isfortunat; fl-oħra, "In-Numru Tlieta", niltaqgħu ma' każ patetiku, iżda mhux rari, ta' tfajla li tiddispra meta ssir taf li kienet addottata u kienet bint prostituta u missier mhux magħruf, u f'"Kamp", allegorika wkoll, Zahra juri lil din il-ħajja tagħna bħala kamp ta' konċentrament, bla ħniena li bilkemm iħallik tiġbor merti biex tirbaħ post "fil-belt tax-xalar u l-ġmiel" flok tisfa kkundannat għall-post fejn "dawk li jkollhom kondotta ħażina jingħataw it-tortura".

Hemm, imbagħad, novella ta' Alfred Sant, li b'referenzi alternati għal gwida ma' ġemgħa turisti Ingliżi fil-Barakka t'Isfel u għall-Assedju ta' l-1565, juri kemm jiswew u kemm huma ta' min igħożżhom l-ideali. Fl-aħħarnett, hemm in-novella ta' Doreen Micallef, "Bejn Ġisem u Ruħ", fejn l-awtriċi tistħarreġ il-konflitt bejn il-valuri materjali u dawk spiritwali, bil-ġrajja tal-ġenju li jitwarrab u jingħata l-ġenb minn sħabu l-għalliema, għax ma jlaħħqux ma' moħħu u jgħiru għalih — "ħtija dak il-kobor, mitfugħ ġo dil-miżerja", eżiljat "mill-allat ċkejknin tad-dinja tagħhom".

**Ġeneri Oħra**

Hawn jidħlu kitbiet ta' ġeneru varjat li ma jistgħux jitqiegħdu fil-kamp ta' l-istaħjil ("fiction"), u jidħol ukoll l-esej.

Ibda biex hemm is-silta "Ġirja maċ-Ċiviltà" minn *L-Istorja taċ-Ċiviltà*, ta' Ġużè Aquilina. Għal dik li hi kritika letterarja hemm "Bertolt Brecht", silta mill-ktieb tiegħi ta' kritika u storja tat-teatru modern, *Wara Ibsen*, "Malta u l-Letteratura ġdida tagħha" mill-ktieb ta' Karmenu Vassallo, *Alla taż-Żgħażagħ*; żewġ studji, "Triqat Ġodda fil-Kitba tal-Malti" ta' Ġużè Cassar Pullicino u "Ir-Rumanz *Taħt Tliet Saltniet*" ta' Wallace Gulia, meħudin it-tnejn mill-ġabra ta' kitbiet u apprezzamenti tax-xogħol u l-kitba ta' Ġużè Aquilina li Ġużè Cassar Pullicino nnifsu kien ħareġ, flimkien ma' bijografija ta' Ġużè Aquilina, bħala *festschrift* b'turija ta' ġieh u apprezzament tax-xogħol kbir ta' Aquilina bħala Professur tal-Malti; u "Leġġendi u Ħrejjef" minn *Il-Folklore Malti* ta' Ġużè Cassar Pullicino.

Għal dawk li huma esejs puri, nibdew b'żewġ ritratti umoristiċi ta' Anton Buttigieg, "Iż-Żarbun tad-Dardanelli" u "Pawlu s-Sagristan", li wara Buttigieg daħħalhom fl-ewwel volum ta' l-awtobijografija tiegħu, *Toni tal-Baħri*. Imbagħad hemm esej awtobijografiku tiegħi "L-Ewwel Jum tal-Gwerra". Żewġ siltiet oħra ta' Ġużè Aquilina huma "X'inhi l-Poeżija" u "Ġustizzja u Paċi". Fl-esej "Tifkiriet", Ġużè Chetcuti jiftakar f'żgħożitu u x'uħud minn ħbiebu, Albert M. Cassola jirrakkonta mawra sa Għawdex, u M.C. Spiteri (Kilin) jirrakkonta fil-vena inimitabbli tiegħu mixjiet fil-kampanja f'"Odissea" u "Sa tal-Vertut" minn *Tlikki Tlikki ma' Wenzu*.

"L-Ilsien Malti u l-Maltin" u "Idejn il-Bniedem" huma tnejn mill-esejs li Dun Frans Camilleri ġabar fil-ktieb tiegħu *Lejn id-Dawl*, u hemm esej tipiku ta' George Stevens, "Fanali". Stevens, li miet m'ilux, kien illimita ruħu għall-esej, u baqa' magħruf għal din l-għamla ta' proża, barra minn xi versi ħfief miktubin biex ikunu mużikati. Patri Dwardu Fenech, li għamel bosta snin fl-Afrika ta' Fuq, igħidilna dwar "Is-Sawm fl-Islam", u bl-istudju analitiku "L-Eleġija 'Niftakar' ta' Anton Buttigieg" jidħol fil-qasam tal-kritika letterarja, kif jagħmel Patri Dijonisju Mintoff b'"L-Epigramma fil-Malti".

"Xebh", "Bejnietna l-Ħbieb" u "Il-Kotra" huma kitba ta' espressjoni personali, u fl-istess ħin ta' interess soċjali, ta' Joe Micallef Stafrace. Tabilħaqq dawn huma tlieta minn sensiela ta' artikli li Micallef Stafrace kien jikkontribwixxi lil *It-Torċa*, u wara ġabarhom fil-ktieb *Fehemti*. Ta' Carmel Attard hemm żewġ esejs, "Kull bniedem Artista" u "Il-Bniedem tax-Xitwa".

Dak li jolqotna fl-ewwel volum ta' l-Antoloġija, issa jidher b'enfasi akbar. Il-kittieb Malti narawh infurmat aktar u aktar, għandu kuntatt ma' dak li qed jiġri u qed jinkiteb barra minn din il-gżira — akbar u usa'. L-interessi huma aktar varjati, il-kittieb qed jindirizza udjenza kolta akbar u aktar.

ĠUŻÈ DIACONO



**Ġużè Chetcuti: realiżmu**



**Ellul Mercer: impenn soċjali**



**Cassar Pullicino: nostalġija**

**Buttigieg: awtobijografija**



# ĠORĠ ZAMMIT

# NOTI BIJOGRAFIĊI

| | |
|---|---|
| **1908** | |
| 16 Marzu | Jitwieled Ħal Qormi. |
| **1930** | Jieħu l-grad ta' B.A. mill-Università ta' Malta. |
| **1931—33** | Jistudja Ruma għal qassis fl-Università Gregorja mnejn jikseb il-grad ta' B.D. |
| **1933—40** | Igħallem l-Ingliż u l-Latin fil-Liċeo. |
| 1935 | |
| 30 Lulju | Jiżżewweġ lil Carmelina Cuschieri. |
| 1938 | Jieħu l-grad ta' B.A. (Hons.) mill-Università ta' Londra. |
| **1945** | Jikteb il-poeżija "Il-Għanja ta' Għada", li biha tibda t-triq għall-poeżija "Moderna" Maltija. |
| **1946** | Jieħu l-lawrja ta' avukat (LL.D.). |
| **1949** | Joħroġ il-poema "Il-Għanja tas-Seba' Niċeċ". |
| **1952** | |
| Ottubru | Imutlu missieru. |
| **1953—68** | Igħallem il-Letteratura Ingliża u Taljana fis-Seminarju (il-Furjana) u San Alwiġi (Birkirkara). |
| 1953 | |
| Marzu | Tmutlu ommu. |
| 1957 | Joħroġ l-antoloġija *Wenzu u Rożi u Ħrejjef Oħra.* |
| 1959—61 | L-ewwel President taċ-"Circolo Dante Alighieri". |
| 1964 | Joħroġ ir-rumanz *Ix-Xhud li ma Deherx.* |
| **1969** | Joħroġ il-poema *Maltese Rhapsody*, b'veduti mpinġijin minn idejh stess. |
| **1973** | Joħroġ l-antoloġija *Trifolium*, poeżiji bil-Malti, bl-Ingliż u bit-Taljan. |
| **1975** | Joħroġ *Sketches of Malta*, b'disinji oriġinali minn idejh stess. |
| **1978** | Joħroġ *Intimate Malta*, b'disinji oriġinali minn idejh stess. |
| **1980** | Joħroġ *Poeżiji*, il-ġabra tal-poeżiji tiegħu bil-Malti. |
| **1988** | |
| 16 Marzu | Jiċċelebra egħluq it-tmenin sena tiegħu. |



**Il-poeta u martu f'Għawdex wara li żżewġu fl-1935.**



**Zammit seminarista fl-Università Gregorjana ta' Ruma**



**Zammit fi tfulitu (lemin) ma' żewġ ħutu bniet, Marija (xellug) u Karmena.**

Ir-ritratti f'dil-faċċata qegħdin jidhru għall-ewwel darba bil-kortesija tal-poeta. Il-Bord Editorjali jroddlu ħajr għall-permess esklussiv li ta lir-rivista *Analiżi* biex ikunu riprodotti dawn ix-xbihat.



**Zammit u ħabibu Dom Rafel Azzopardi O.S.B.**

# ĠORĠ ZAMMIT

## INTERVISTAT MILL-ISTUDENTI

**L-intervisti li għamilt lil Ġorġ Zammit tant għoġbukom li ħafna minnkom tħajru jibagħtuli huma l-mistoqsijiet tagħhom għall-Poeta. Zammit laqa' l-istedina tiegħi biex iweġibhom dawn il-mistoqsijiet bil-ġenerożità tipika tiegħu u f'isem il-Bord Editorjali nirringrazzjah u nawguralu għomor itwal milli s'issa sellfu l-Bambin.** (*Ġorġ Mifsud*)

### 1. Lil min tarahom jirrappreżentaw "il-fatati" fil-poeżija tiegħek "L-Għerien tal-Fatati"?

Bis-sinċerità kollha nixtieq inħajjar u nħeġġeġ lill-istudenti biex jagħmlu żjara lil dan il-post ta' ġmiel rari li n-nies ta' dawk l-inħawi jsejħu "L-Għerien tal-Fatati".

Din is-saltna żgħira ta' seħer li ħadd ma jista' jfisser tinsab fuq ir-riħ tat-trejqa li tieħu minn Selmun, qrib il-Mellieħa, għar-ramla msejħa "L-Imġiebaħ" għax fiha jiżbokka l-wied "ta' l-Imġiebaħ", hekk magħruf għax fl-imgħoddi kien mimli mġiebaħ li fihom in-naħal jaħdem l-għasel.

L-għasel tal-Wied ta' l-Imġiebaħ spiċċa, iżda l-ħlewwa ta' l-Għerien tal-Fatati għadha hemm għal min irid jitgħaxxaq biha u jimla 'l moħħu, lil qalbu u lil ruħu b'sens ta' hena, ta' serenità u ta' paċi li ebda kliem ma jista' jfisser.

Qisu fin-nofs tat-trejqa li minn Selmun tieħu għar-ramla ta' l-Imġiebaħ, fuq ix-xellug, tinfetaħ mogħdija ħdejn razzett ċkejken li tieħdok 'il fuq lejn l-Għerien. Dawn jinsabu mħaffrin biċċa bix-xogħol tal-bniedem u biċċa min-natura ġo sies għoli fuq ix-xellug ta' min jasal mill-mogħdija, li ma jistax ma jibqax mgħaġġeb bil-ġmiel maestuż, u mill-kobor ta' xi siġar tal-ballut li qishom jinkurunawh. Hekk, min iżur f'dan il-post ikollu fuq naħa l-misteri ta' l-Għerien bit-tradizzjoni popolari tagħhom; fuq in-naħa l-oħra l-Wied ta' l-Imġiebaħ, li minnu l-ħdura ma tonqos qatt, ifannad ftit ftit lejn il-baħar, bir-razzett hekk imsejjaħ "Tal-Mellieħi" bit-taraġ minn barra jagħti għall-għorof, u ftit bogħod minn palma xiħa, għolja għolja, tixxejjer ħelu ħelu maż-żiffa; u faċċata, is-siġar tal-ballut jagħtuk il-merħba filwaqt li hu jibqa' mgħaġġeb bil-kobor tagħhom, bil-ġmiel tal-friegħi kollha weraq u ġandar jixxejru mar-riħ u jsaħħruh bil-mużika taż-żiffa qalb il-weraq jirtogħod, qisu bil-ferħ li tagħti l-għanja li taf toħroġ mill-misteru tan-natura. Bħallikieku dan m'hux biżżejjed, minn wara z-zkuk tal-ballut il-viżitatur jilmaħ il-baħar jittawwal minn bejn iż-żewġ naħiet tal-Wied.

Forsi tawwalt xi ftit fid-deskrizzjoni tal-post, imma dan bit-tama li nuri, lil min qed jaqra, x'ġenna ta' skiet, ta' ġmiel u ta' ħsibijiet li jeħduh 'il fuq hi din ir-rokna ta' pajjiżna.

Jiena għamilt żmien noqgħod Selmun, u b'hekk ma stajtx ma nismax lil min isemmi l-"Għerien tal-Fatati". L-isem qajjimli l-kurżità; u ma domtx ma mort infittex dawn l-Għerien. L-ewwel darba li sibt ruħi hemm ħassejtni maħkum minn dik id-dinja ċkejkna ta' seħer. Il-ġmiel jispira ġibda, imħabba — u l-kelma "imħabba" qed nużaha fl-isbaħ u fl-ogħla tifsir tagħha, speċjalment meta tħossha tħabbat mat-taħbit ta' qalbek għal art twelidek. U ma esaġerajtx meta fil-poeżija li ġġib dan l-isem għedt li lill-fatati

*...jiena smajthom, rajthom, bejn il-friegħi*
*Jixxejru mat-tixjira tal-ballut....*

Il-"fatati" ta' l-Għerien huma għalija dawk li kienu l-"Lares" għar-Rumani, jiġifieri l-erwieħ tal-mejtin li jibqgħu jħarsu lil nieshom. Għalhekk lili

*Wieġbu l-ħorsien: "il-ferħ u n-niket tagħna*
*"Jiġi u jmur mal-mewġ taż-żminijiet."*

U mbagħad ikomplu:

*"Nifirħu fit-tifkira tal-qalbiena*
*"Ulied Malta f'qalb waħda magħqudin;*
*"U nibku meta nilmħu n-nies ta' żmienek*
*"Bl-imrar tal-qilla f'demmhom għal xulxin."*

### 2. X'inhu sewwa sew il-messaġġ tal-poeżija "Għajn Riħana"?

F'żgħożiti Għajn Riħana kienet nixxiegħa mimlija ħajja. Taħt is-siġar taż-żnuber, fuq ix-xellug ta' min ikun sejjer minn San Ġużepp tat-Targa għal Burmarrad, l-ilma tal-wied ta' taħt il-Bidnija meta jasal kważi ħdejn il-pont, in-naħa tal-Kappella ta' Santa Margerita, jaqa' f'ċarċara żgħira għal livell aktar baxx u jibqa' sejjer dejjem minn taħt il-pont 'l isfel sal-baħar tas-Salini.

Illum, minn meta għamlu l-ilqugħ (*dams*) biex jilqgħu l-ilma tax-xita, din iċ-ċarċara kważi m'għadhiex titfaċċa. Tassew li l-ilqugħ sar għall-ġid, iżda jibqa' l-fatt li b'hekk għabet minn fuq wiċċ Malta xena ta' sbuħija li fis-sempliċità tagħha kienet tgħaxxaq lil kull min jaraha u speċjalment lil kull min joqgħod ħdejha u jisma' l-mużika ta' l-ilma taċ-ċarċara jitferra' f'għadira ta' ragħwa tbaqbaq u ttajjar qishom kwiekeb ta' l-ilma, qabel ma jkompli l-għanja tiegħu lejn il-wied.

Kienet din l-esperjenza li ġegħlitni nikteb din il-poeżija: il-kuntrast bejn il-paċi tal-widien u tas-siġar u ta' l-ilma ġieri u l-ġmiel tagħhom li ebda kliem ma jista' jfisser, minn naħa waħda; u min-naħa l-oħra l-ħruxija li l-qalb tal-bniedem iġġiegħlu juri kontra ħutu l-bnedmin, it-tbatijiet, it-torturi, il-biża' u l-mewt li din il-ħruxija ġġib magħha. Meta ktibtha kienu bdew jiċċaqalqu l-potenzi kontra xulxin, id-demm kien diġà beda jiġri, mhux biss fuq il-kamp tal-battalji iżda fl-ibliet u fl-irħula fejn nies, li ma kellhom x'jaqsmu xejn, kienu mkeċċijin minn djarhom u spiss imbiċċra.

Għad li hu minnu li kollox jispiċċa fid-dinja, u li għalhekk dak l-ilma li jgelgel hekk ferrieħi fix-xitwa jrid jinxef meta jiġi s-sajf, b'danakollu x-xitwa tmur u tiġi u s-sajf iġibilna d-deheb tas-sbul tal-qamħ jixxejjer fl-egħlieqi. Għala l-bniedem ma jridx joqgħod bi kwietu u jgawdi l-ġid li Alla ferrixlu quddiemu?

U jien kif stajt ingawdi dak il-ġmiel meta f'moħħi kien jidwi l-ħsieb ta' tant u tant tbatijiet — ħsieb li tabilħaqq kien qed jidfen lil qalbi fil-hemm? U fejn jista' bniedem imnikket isib il-faraġ jekk ma jagħmilx lilu nnifsu ħaġa waħda man-natura, mhux biex jaħrab mill-kruha tar-realtà, iżda biex iħares lejn id-dinja bi tbissima, jekk mhux fl-għanja tal-beraħ — għanja misruqa minn sema ikħal nir. Għax tabilħaqq jiena żgur li l-vera ispirazzjoni ġejja mis-sema.

*Nixxiegħa ta' l-ilma li sserrep*
*U tgelgel u tfawwar mal-wied,*
*Li ssaħħar il-ħdura bi ġmielek*
*U twennes b'għanjietek is-skiet;*
*Nixxiegħa li tiġri, titgerbeb,*
*Daħkana, ferħana se ttir,*
*'Tiħieli dik l-għanja, misruqa*
*Minn sema ikħal nir.*

U SPEĊJALI DWAR RUŻAR BRIFFA

# IL-JIEN U L-OĦRAJN

**Rużar Briffa, bħala romantiku Malti, huwa l-poeta li jġarrab sentimenti kbar. Għandu fih l-esperjenza tat-toqol tal-ħajja li ssaħħu l-ħin kollu bħala matmura immedjata għall-interpretazzjoni tal-ħsieb li jkiddu. Il-"jien" tiegħu għandu leħen baxx, ħiemed u modest li jipprova jifhem jew ta' l-inqas jissuġġerixxi x'hemm moħbi, imqar għal mument, ġo farka waħda biss ta' l-eżistenza. U qalbu tħabbat ma' kull sentiment imġarrab anki jekk il-misterju jasal biex ma jifhem xejn minnu. Meta kultant donnu jkun qed jirraġuna, ir-riflessjoni tiegħu tkun frott tat-tiġrib innifsu.**

Briffa jemmen ħafna fl-illużjoni. Iżda daqskemm jemmen fiha daqshekk ieħor ikollu jaċċetta li din l-illużjoni ma tantx iddum quddiem il-qilla kiefra tar-realtà bla ġmiel u sbuħija. Aktar ma jirrifletti fuqha aktar kważi jasal għad-disperazzjoni. Fil-poeżija bikrija "Lil F.S. Caruana" (1927), meta l-poeta kellu biss 21 sena, jistqarr li jekk iż-żgħożija, identifikata mal-Ġmiel etern, tintemm ma jibqagħlux ħlief triq waħda:

*jien neqred għala dejjem din il-ħajja*
*għaliex tkun fiergħa, tkun ma tiswa*
*għalxejn.*

Hawn il-ħsieb iherrih aktar għax il-bnedmin l-oħra ma jafux, jew ma jridux, jew ma jistgħux jifhmu l-ideal tiegħu. Il-"jien" tiegħu jwarrab lill-oħrajn għax moħħhom fil-frugħat u jisfiduċjahom. Din l-għażla bejn iż-żewġ naħat diġà kienet dehret sentejn qabel fil-poeżija "Tfajla, Toħlomx": Briffa jistqarr li "emmint kollox u ma bgħadt lil ħadd" f'kuntrast ma' l-oħrajn li "imbagħ'd lagħbuni... / tant illi qalbi ċaħdet lil kulħadd". Anki lit-"Tfajla" li jistidinha għar-relazzjoni sinċiera ta' mħabba jrid iwassalha għall-istess għażla li "bħali... tkun ma temmen f'ħadd"! Fis-sunett "Lil Qalbi" (1926) jerġa' jinqeda b'lessiku identiku, bħal "kont ma tħobb lil ħadd"[1] jew b'varjazzjoni fuq l-istess ħsieb, bħal "għalik kulħadd barrani". Anzi f'din il-poeżija l-hena ta' l-illużjoni jseħħ jekk il-poeta "igħix għalih", 'il bogħod mis-"Swat tal-Kotra". Hija l-Kotra marradija, fil-ġisem jew fil-moħħ.

*"X'tiswa qatt lill-Kotra għajjiena*
*"l-għanja li semmajtha jiena?*
*"Għall-marid mhux Poeżija,*
*"Imma s-serħ t'Anestesija."*
("Il-Kotra u Jien")

Għalhekk irid jingħażel minnha mhux bħala suppervja jew minħabba xi individwalità erojka jew xi ambizzjonijiet personali. F'"Lil F.S. Caruana" jaqtagħha ċara li "nżomm il-ħajja b'fiergħa". Irid jinqata' minn magħhom minħabba t-tfittxija tal-Ġmiel etern (ara, *Analiżi*, vol. 2, n. 2 paġ. 26). L-individwaliżmu tiegħu jinkiseb bil-Poeżija:

*'mma x'jibqa' fija jien, jekk niċħad*
*ħolmti*
*u nisfa bniedem... hekk... bħalm'hu*
*kulħadd?*
*.........................*
*twelidt ħa ngħanni dejjem sax-xjuħija.*

Minħabba f'hekk, is-suwiċidju li jissemma wara din is-silta jwettaq din l-individwalità poetika tiegħu biex jinkiseb il-Ġmiel maħlum.

L-individwalità poetika jerġa' jwettaqha sena wara fil-poeżija "Xewqat" u fl-aktar kliem ċar jisħaq:

*jenħtieġ nibqa' li jien, poeta mġennen*
*għad-dawl tal-Ħajja, noħlom is-Sabiħ.*

F'poeżiji oħra flok is-suwiċidju tispikka d-deżolazzjoni kontemplattiva, ħafna drabi mgħobbija bid-disperazzjoni interpretata b'metafori differenti, bħall-*għeja:*

*Issa xi trid minn min għal kollox*
*għajja?*
("Il-Bluha taż-Żgħorija"),

*tlift l-hena kollu, sfajt għajjien,*
*imdejjaq*
("Lil Ommi" (Omm, int le taf)),

u

*U sfajt għajjien mejjet,*
*Imriegħex minn dwari*
("Lil Ommi" (Benninni ħa norqod)),

*ix-xjuħija:*

*Illum ġo moħħi żżanżan*
*Il-għanja bla mistrieħ*
*Ta' min jaf illi tilef*
*U qabel kiber xjieħ...*
("Deżolazzjoni"),

u *l-biki:*

*... ċħadt lil sħabi, għax nitbekka f'talbi*
("Lil Ommi" (Omm, int le taf)).

Hija l-poeżija "Mill-Ġdid Poeta" miktuba Londra fl-1932 li tistqarr li Briffa, "bogħod mill-ħlejjaq" xtaq igħix "waħdieni". In-nuqqas ta' mħabba fost il-bnedmin aktar jikkonvinċih fid-deżolazzjoni tiegħu li tjassru taħtha. Is-solitudni ħassha aktar minn ħaddieħor għax kien bniedem ta' sensittività kbira kif jixhdu ħbiebu. U kif semmejna qabel, kienet iġġagħlu jitbekka fuq xortih ikkondizzjonata mit-tbatija personali u mill-ansjetà li kien iġarrab ta' kuljum bil-prattika medika, l-aktar ma' l-imġiddmin.

U l-poeta jibża' mill-eżistenza u jibda jissuspetta u jiddubita fl-oħrajn ... u fih innifsu! Iżda xorta ma jridx jagħmel bħalhom, anzi aktar jagħraf għalfejn għandu jiddeċiedi li jingħażel minnhom bl-akbar responsabbiltà. Il-poeżiji "Quo Vadis" (1945) u "Waħdi" (1946) fihom is-sintesi ta' kollox: Briffa, "il-ħarruba xwejħa", qed iħares mill-bogħod lejn l-għagla tan-nies għaddejjin", mitlufa bla ideal, bla responsabbiltajiet u bla prinċipji, kulħadd jagħżel it-triq tal-folla, jew kif isejħilha hu, "il-ħajja tas-suq". Kulħadd "bih għamel id-diq" u lill-poeta ħadd ma ried igħinu:

*waħdi, waħdi, dejjem waħdi*
*l-ibħra fraqt, megħjun ma' mkien*

u

*imma ħadd ma ried igħinni*
*biex ta' l-Għan insib il-bieb.*

Id-dubju jdur fuqu stess: lanqas m'hu kapaċi jafda lilu nnifsu! Il-biża' tiegħu jkissru u ma jħallihx iħares lejn il-ħajja.

*Jew għad waħdi l-Bieb insibu*
*u għax waħdi ma niflaħx,*
*għaliex nibża' illi waħdi*
*dak li ħlomt jien ma narahx?*

U dan jerġa' jeħodna għall-poeżiji tal-bidu fejn kien diġà deher id-dubju fih stess, bħal f'"Lil Qalbi" u fuq kollox f'"Deżolazzjoni" (1928),

*il-għanja bla mistrieħ*
*ta' min jaf illi tilef*
*u qabel tilef xjieħ.*

---

[1] **Ara wkoll il-poeżija "Lil Ommi" (Omm, int le taf)" miktuba sentejn wara fejn jistqarr: "u sirt lid-dinja nobgħod u 'l kulħadd".**



# LELI TA' ĦAŻ-ŻGĦIR

## L-IŻVILUPP TA' L-AZZJONI FIR-RUMANZ (4)
## IT-TIENI KTIEB: FTUĦ IL-GĦAJNEJN U TLELLIX (VI–X)

**Aktar mill-ħames kapitli ta' qabel, il-ħamsa li jmiss jibdew jidħlu bil-mod il-mod fl-aspett psikoloġiku tal-protagonista. Id-deskrizzjonijiet jibqgħu għaddejjin bix-xejriet tipiċi tal-kitba ta' Ġużè Ellul Mercer. Imma dawn kollha, l-aktar id-deskrizzjoni u l-enfasi persistenti fuq l-importanza tal-Kungress Ewkaristiku (April, 1913), igħinu lir-rumanzier fit-tiswir tal-proċess li jrid igħaddi minnu lil Leli biex jirtira fih innifsu għax ma jaqbilx miegħu. L-istess funzjoni għandhom id-deskrizzjonijiet tal-karattri, tal-postijiet u tas-sitwazzjonijiet differenti. Leli għad irid jibda josserva u jikkritika d-dinja ta' Ħaż-Żgħir u mhux jaċċettaha bħalma jagħmel fil-Kungress; għad irid jistħarriġha bla biża' u jekk hemm bżonn jiċħadha, kif fil-fatt jiġri fl-aħħar tar-rumanz u *jibda* "jagħraf" aħjar lilu nnifsu.**

Ħaż-Żgħir huwa raħal wieqaf, konservattiv u għassa dejjem kontra min jikser "il-liġijiet" stabbiliti tiegħu li ilhom jeżistu għal bosta snin. Leli twieled f'dan l-ambjent. Għalhekk, l-oppożizzjoni tar-raħal kollu, miġbura fil-kliem u fl-imġiba ta' Kunċett ta' Venuża, u f'ċertu sens fis-Sa Marjann, kontra n-namur tiegħu ma' Vira. Hawn jidher ir-realiżmu tipiku ta' Ellul Mercer: ir-realiżmu ma jridx bidla u bid-deċiżjoni tiegħu, li jkellem lil Vira bla ma jgħarraf lil ommu u bla ma jfittex il-parir ta' ħadd, qed jeħodha kontra kulħadd. Għalissa tinħass bħala kriżi soċjali, iżda 'l quddiem tikkomplika ruħha fi kriżi reliġjuża, spiritwali u psikoloġika.

Kunċett ta' Venuża tgħix fl-ipokresija nisranija. Suppost li tmur tbigħ il-bajd u l-ħalib lis-Sa Marjann u fil-fatt timplika ħafna affarijiet fuq iż-żewġ maħbubin u Leli jkollu jipprotesta kontriehom ma' ommu (paġ. 53). Għaliha (i) kienu qed jiltaqgħu sikwit, (ii) fid-dlam, (iii) idumu sigħat sħaħ flimkien, (iv) Vira hija tifla "fuq tagħha ġmielha" (paġ. 50) u (v) in-nies kollha xebgħu jqasqsu fuqhom.

Dawn l-akkużi kollha taċċettahom is-Sa Marjann u fuq hekk teħodha kontra Vira: "Minn ħaġa waħda biss nilmenta, Lel: donnu li daż-żmien, kemm-il xebba hawn ħaditha bi drawwa li biex tiżżewweġ jeħtieġ *tagħmel minn kollox*; imqar *toħroġ kuljum, fid-dlam,* biex tkellem żagħżugħ fi *sqaq imwarrab* u *tagħti xi jgħid lir-raħal bi ħġaru*" (paġ. 53).

F'din is-sitwazzjoni s-Sa Marjann tispikka b'karattru realista ta' omm għajjura u possessiva. Għall-ewwel malli tisma' l-aħbar ta' Kunċett tiehu qatgħa u tistaħba malajr wara tbissima, imbagħad tibqa' siekta kemkemm sakemm tiġi f'tagħha u wara tiehu bixra xettika u ssaqsiha "Min qallek...? (*ibid.*) Imbagħad ikollha tiskot għal kollox "bħal waħda miblugħa" aktar ma Kunċett tagħtiha d-dettalji kif dehrilha hi.

Imma fuq kollox tibda taħkimha l-għira naturali għal Vira għalkemm ma kinitx tafha biżżejjed (ara, paġ. 53). Ir-realiżmu tas-sitwazzjoni jkompli jikber meta ssibilha d-difetti wkoll: ma riditx li "mara barranija [kienet] se teħdilha 'l binha" (paġ. 51). Din ir-reazzjoni lanqas ma setgħet taħbiha xhin ġie Leli u ma tkellmux mill-ewwel. U hu jifhem ukoll din l-imġiba tagħha: "Naf li intom, hawn id-dar,

teħtiġuni" (paġ. 53). B'hekk, minkejja l-prinċipji nsara li kellha, l-ambjent magħluq ta' Ħaż-Żgħir kien qed jaħkem fuqha. U għalxejn kienet wiegħdet lilha nfisha li "tieħdu bil-kelma t-tajba" (paġ. 51) għax kliemha ġagħlu jistqarr: "Biżżejjed, Ma, f'ġieħ Alla" (paġ. 53). It-twissijiet li ssemmilu fl-aħħar fuq it-toqol tar-responsabbiltajiet taż-żwieġ jixhdu kemm il-kuxjenza twajba tagħha kienet qed iċċanfarha talli kienet weġġgħetlu qalbu daqshekk. Il-kummenti tagħha jistgħu jkunu mnisslin mid-dixxiplina kbira li rawmithom fiha lil uliedha. Kif tikkummenta fuqha Dolor, oħt is-Sur Tonin, "Il-mara ta' Ninu tagħna tajba kemm tridha; iżda ma' wliedha mqita żżejjed!" (paġ. 61).

Kliem Leli juri wkoll kemm l-indipendenza u l-"maturità" fih kien qed iħosshom ġmielu: (i) kellu l-età biżżejjed biex jiddeċiedi għalih waħdu, (ii) minħabba l-qagħda finanzjarja ħażina tal-familja ma kienx beħsiebu jiżżewweġ kmieni, (iii) m'hemm xejn ħażin li ġuvni jħobb bi mħabba sinċiera lil tfajla u (iv) ħadd ma għandu jedd jeqirdilhom imħabbithom. B'hekk il-protagonista jibda jġarrab l-ewwel ħjilijiet ta' l-individwalità tiegħu. Anki fl-istedina għat-tieġ li jagħmillu ħabibu Ġanni ta' Kejla jdum jaħsibha u jistqarrlu: "Taf kemm ma ninqalax għal bawxati bħal dawn" (paġ. 57).

Fil-każin Leli jerġa' jafferma lilu nnifsu bħala "wieħed mill-mexxejja" (paġ. 55). Fl-injuranza sħiħa tal-mikrokożmu tar-raħal hu biss jidher bħala l-"bravu" li "jilħaq ma' kulħadd" (*ibid.*) fil-mistoqsijiet tagħhom u meta jitkellem hu, kulħadd kien joqgħod b'fommu mitbuq (ara, paġ. 56). Din id-dikotomija fin-narrattiva tinfetaħ f'*ħames* livelli oħra: (i) minn Leli u l-każin tgħaddi għan-nies tal-każin (u ta' Ħaż-Żgħir) li ma jafux x'qed jiġri f'pajjiżhom stess u l-barranin li ġew Malta għall-Kungress, (ii) il-Maltin (fosthom Leli u Dun Karm) u l-barranin li jemmnu f'fidi sħiħa u s-Sur Kelin li jiddikjara lilu nnifsu ateu fl-aktar waqt għażiż tal-barka sagramentali, (iii) il-kbarat barranin u Maltin kif ukoll il-kleru li jidhru dejjem fuq quddiem u Dun Karm li fl-istess Kungress jistħi juri ruħu, (iv) il-barranin iġibu ruħhom sewwa waqt il-funzjonijiet reliġjużi u l-Maltin is-soltu jġibu ruħhom ħażin: "... Tawna tagħlima kif għandna nġibu ruħna fl-egħmejjel qaddisa" (paġ. 63), u (v) Leli li ftit qara kotba u s'issa jemmen b'fidi qawwija u s-Sur Kelin li qara ħafna, li jistqarr l-importanza tal-fidi fil-ħajja imma xorta jkun ateu sa minn qabel ma jiftaħ ir-rumanz: "Jien ma nemminx; u elf Kungress ma jroddulix it-Twemmin li darba kelli u li għal dejjem tlift! Iżda, kemm hi ħaġa kbira r-Reliġjon; u xi jkun tilef min jitlifha!" (paġ. 62).

Ir-rumanz hawn jidher bl-iktar mod ċar kemm għandu ton moralleġġanti. Iżda fl-istess ħin Ellul Mercer jidher li qed jibża' jiddiskuti fil-fond il-problema ta' l-ateiżmu. Minn banda jixtieq jiftaħ fuq il-problema li jkollu min jagħżel it-triq ta' l-għerf u l-kultura, iżda mill-banda l-oħra jasal biss kemm isemmiha u ftit li xejn jaħdimha fil-kuxjenza tal-karattri tiegħu, lanqas tal-protagonista. Is-Sur Kelin, ngħidu aħna, jasal biex ifaħħar lil min jemmen u Dun Karm jitkellem fit-tul fuq il-ġrajja tal-Kungress ma' ommu. Ellul Mercer iħoss il-bżonn li jiddiskuti imma jibża' mid-dubju.

• JISSOKTA F'ĦARĠA OĦRA

Is-Sa Marjann tgħaddi jum sħiħ ittalla' u tniżżel kif se tkellem lil Leli wara l-aħbar ta' Kunċett. (Ħajr lil "Malta Talent Artistes")





## LELI TA' ĦAŻ-ŻGĦIR

# TIFSIR IL-KLIEM

*(in-numru jirreferi għall-paġna)*

| | | |
|---|---|---|
| 50. | *anqas trid għad-dinja* | u lanqas ma trid |
| 57. | *bawxati* | divertimenti, xalar |
| 51. | *bbieset* | mietet |
| 58. | *b'ħalib ommok fi snienek* | bla esperjenza tal-ħajja |
| 53. | *bi ħġaru* | kollu kemm hu |
| 53. | *bil-fehma xierqa* | bl-onestà kollha |
| 54. | *biswit* | faċċata |
| 62. | *blieles* | pl. ta' 'bellus' |
| 60. | *bużżieqa* | fonqla, pessimista |
| 52. | *ċiera* | burdata |
| 58. | *dak li għandi nirħan inbigħu* | kulma għandi nagħmel infittex nagħmlu u ma noqgħodx nistenna ż-żmien igħaddi |
| 51. | *demmha tiela' għal rasha* | irrabjat ħafna |
| 51. | *demm wieħed miegħu* | ta' l-istess familja, ta' l-istess razza |
| 63. | *egħmejjel* | prattika |
| 53. | *fettillek* | għoġbok |
| 58. | *fil-Qaddisin Kollha* | fl-1 ta' Novembru |
| 50. | *fil-waqt* | meta l-ħaġa tkun għadha friska, għadha kemm saret |
| 55. | *foħrija* | tifħir |
| 58. | *fostani* | it-tieni wieħed |
| 52. | *fuq ix-xwiek* | eċċitat |
| 59. | *ġmiegħi* | pl. ta' 'ġimgħa' |
| 61. | *glasis* | saqaf (jew art) ta' sur imżerżaq għal-lixx |
| 56. | *griefex* | imbarazz |
| 54. | *għal "lejltu" jew "nharu"* | għal lejlet il-festa tar-raħal jew għal nhar il-festa |
| 50. | *għal riħha* | għall-affari tagħha |
| 53. | *għajb* | ħasra, miskina |
| 63. | *għorba* | barranin |
| 54. | *ħajja mimlija ward u żahar* | ħajja sabiħa, lixxa, bla problemi |
| 61. | *ħejm* | fsied |
| 54. | *ħiemed* | sieket, kwiet |
| 64. | *illiġġem* | irrażżan, nikkontrolla |
| 52. | *imnaffra* | iddisgustata |
| 59. | *imurilha għal għajnha* | jogħġobha f'kollox, jisma' minnha f'kollox |
| 53. | *issomma* | immuta |
| 51. | *ittalla' u tniżżel* | indeċiża |
| 55. | *jilħaq ma' kulħadd* | iwieġeb lil kulħadd |
| 57. | *jitfantas* | jieħu għalih |
| 61. | *jittajrulek* | jitilqu mid-dar |
| 60. | *jkidduha* | jinkwetawha |
| 53. | *jolqot fil-laħam il-ħaj* | joqros, jolqot, joffendi sewwa |
| 56. | *ma ġewx fl-idejn* | ma ġġildux |
| 63. | *ma' ħalib ommu* | sa minn ċkunitu |
| 55. | *mażuni* | ma jemmnux l-istess fidi tagħna |
| 51. | *messu minn tiegħu* | ħadlu, seraqlu xi ħaġa |
| 50. | *meta l-ftira tkun saret* | meta jsir il-ħażin |
| 53. | *miel* | dawwar |
| 61. | *mill-aħjar tfal tar-raħal* | mill-aħjar ġuvintur |
| 55. | *mirkeb* | vapur, opra tal-baħar |
| 56. | *mitbuq* | magħluq għal kollox |
| 61. | *mqita* | ħarxa |
| 60. | *mseddqa* | mbierka |
| 50. | *nafu d-dinja x'tagħti* | nafu kemm hawn ħażen fil-ħajja |
| 50. | *naqtagħha* | nagħmilha, naħseb li għandha |
| 57. | *nieħdu qatra* | nixorbu l-inbid |
| 57. | *niksruha* | niġġieldu, ikollna xi ngħidu |
| 50,60. | *nilgħab għonqi taħt mannara* | tant naf x'qed ngħid |
| 59. | *nkeddet* | inkwetat ħafna |
| 53. | *ntasab bil-qiegħda* | ntafa' bil-qiegħda u ma riedx iqum aktar |
| 56. | *ngħarraqha* | niżżewweġ |
| 49. | *peċluqa* | lablaba |
| 50. | *qalbha għamlet tikk* | laqatha kulma semgħet |
| 59. | *qatt ma għamlu biha l-flus* | qatt ma kienet tinkwieta għall-flus |
| 53. | *qatt ma smajt eqqel minn isimha* | qatt ma smajt xejn ħażin fuqha |
| 59. | *qisha mejda tal-qubbajd* | tħobb tmur għall-festi kolha ta' l-irħula |
| 62. | *qżież* | immoralitajiet |
| 53. | *sa barra* | għal kollox |
| 53. | *sargu* | makakk, ħażin |
| 62. | *semm* | velenu, ħsara lill-bniedem |
| 49. | *ta' l-Imwiet* | daqq tal-qniepen filgħaxija wara l-avemarija biex l-insara jitolbu għall-erwieħ tal-purgatorju |
| 63. | *ta' satra* | onest |
| 55. | *telqa* | tluq |
| 62. | *terħa* | il-firxa drapp tawwalija ta' fuq wiċċ l-altar |
| 58. | *tfal tas-sengħa* | żgħażagħ li jaħdmu f'sengħa |
| 57. | *tfawwar* | ħmar, sar aħmar |
| 53. | *tħarrek* | iċċaqlaq |
| 57. | *tidħol għarus* | tibda tidħol f'dar l-għarusa |
| 52. | *tilef sabru* | tilef il-paċenzja |
| 56. | *timla ħalqek bl-ilma* | ma tgħid xejn, ma tlissinx kelma |
| 53. | *tlumu* | iċċanfru |
| 57. | *torbotlok il-kitla* | tneħħilek il-libertà, tindaħallek |
| 56. | *wara San Ġorġ* | wara t-23 ta' April |
| 49. | *xaqliba* | wisa' u ftuħ |
| 49. | *xejn ma ddoqqlok* | xejn mhi se ttik gost |
| 54. | *xewk u għolliq* | problemi |
| 60. | *xipli* | dgħajjef, marradi |
| 50. | *żagħżugħ dejjem bandiera bajda* | jagħmlu x'jagħmlu l-ġuvintur dnubhom ma jidhirx |

# Bijografija ta' R. Briffa

| | |
|---|---|
| **1906** | |
| 16 Jannar | Rużar jitwieled il-Belt Valletta, f'N. 8, Triq l-Irlandiżi — ommu jisimha Ġovanna Debono u missieru Duminku. |
| 21 Jannar | Jitgħammed fil-Knisja parrokkjali ta' San Pawl. |
| **1911—23** | Imur l-iskola elementari tal-Gvern, Sant'Iermu l-Belt, u wara l-Liċeo. |
| 1923 | Joħroġ mil-Liċeo. Igħaddi mill-eżamijiet tal-Matrikola fil-Latin, fit-Taljan, fl-Ingliż, fil-Matematika u fil-Fiżika. |
| | Jidħol għalliem mad-Dipartiment ta' l-Iskejjel Elementari — l-ewwel għalliem bil-matrikola fid-dipartiment. Igħallem għal sena sħiħa fl-Iskola Primarja ta' Ħaż-Żabbar. |
| | Jattendi kors ta' Pedagoġija Ogħla, igħaddi mill-eżami u jingħażel biex imur ikompli jistudja l-Ingilterra biex jilħaq Surmast. |
| **1924—31** | Student universitarju tal-Mediċina. Jinteressa ruħu l-aktar fil-Batterjoloġija, fil-Venereoloġija u fid-Dermatoloġija. |
| 1924 | |
| 5 Mejju | Jikteb il-poeżija bl-Ingliż, "Autumn Dirge". |
| 16 Awissu | Jikteb l-ewwel poeżija magħrufa tiegħu, "Lacrymae Rerum" f'San Ġiljan u biha jirbaħ is-sitt premju tal-Konkors tal-*Pronostku Malti* ta' l-1925. |
| Ottubru | Jiddeċiedi li jwarrab il-karriera ta' għalliem biex jidħol l-Università għall-Kors tal-Mediċina flok ma jsiefer l-Ingilterra. Jagħżel din il-professjoni biex ikabbar is-sbuħija tal-ġilda tal-bniedem u jnaqqas il-kruha. |
| 1925 | Jikteb il-poeżija "Tfajla Toħlomx", li biha jirbaħ is-sitt premju tal-Konkors tal-*Pronostku* ta' l-1926. |
| 1926 | Jibda jikteb fir-rivista ta' l-istudenti universitarji "Atheneum Melitense". |
| | Jikteb il-poeżija "Il-Għanja ta' l-Imħabba" li biha jirbaħ it-tieni premju tal-Konkors tal-*Pronostku* ta' l-1927. |
| | Jieħu f'idejh ix-xogħol organizzattiv ta' ħarġa speċjali ta' *Il-Malti* għall-istudenti universitarji. |
| 17 Ottubru | Jissieħeb ma' l-"Għaqda tal-Malti", illum magħrufa bħala l-Akkademja tal-Malti. |
| 1927 | Jikteb il-poeżija "Lil Ommi" (Benninni ħa norqod) u "Ballata" (Fil-ħemda tal-ġnejna dellija): fil-Konkors tal-*Pronostku* ta' l-1928 jirbaħ l-ewwel premju bl-ewwel waħda u t-tielet premju bit-tieni waħda. |
| Settembru | Jagħmel it-Taħdita ta' l-Assedju. |
| 1928 | Jikseb il-grad tal-Baċellerat tax-Xjenza (B.Sc.). |
| 7 April | Il-gazzetta *Il-Ħmara* tibda toħroġlu xi poeżiji tiegħu. |
| 1929 | Jikseb il-grad ta' Ph.C. |
| | Jikteb il-poeżija "Wieħed Biss" u biha jirbaħ it-tielet post fil-Konkors tal-*Pronostku* ta' l-1930. |
| 1930 | Jikteb il-poeżija "Il-Għid tal-Maħfra" u biha jirbaħ l-ewwel premju tal-Konkors tal-*Pronostku* ta' l-1931. |
| 1931 | Flimkien ma' ħabibu Ġużè Bonnici jwaqqaf l-"Għaqda tal-Malti" (Università). |
| 19 Jannar | Jikteb ittra lis-segretarju tar-Rettur ta' l-Università biex l-"Għaqda" titħalla tibda tiltaqa' l-Università. |
| 22 Jannar | Tintlaqa' t-talba biex l-"Għaqda" tibda tiltaqa' l-Università. |
| Marzu | Briffa u Bonnici joħorġu l-ewwel ħarġa tar-rivista *Leħen il-Malti*. |
| 1 Ottubru | Jieħu l-lawrja ta' tabib flimkien ma' ħabibu Ġużè Bonnici. |
| 8 Ottubru | Jingħata l-"Aubrey Strachan Travelling Scholarship. Londra jistudja l-Venereoloġija u d-Dermatoloġija. |
| **1932** | |
| Marzu | Jiġi lura minn Londra bħala speċjalista tal-mard tal-ġilda. |
| **1933** | |
| 27 Ġunju | Jiżżewweġ lil Constance Winifrid Dunn, protestanta Anglikana u governanti ta' tifla ta' wieħed uffiċċjal għoli Ingliż tal-flotta Ingliża, minkejja l-oppożizzjoni li għamlulu tad-dar. Iż-żwieġ isir fis-sagristija tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann. |
| **1936** | |
| 15 Jannar | Titwieled bintu l-waħdanija Ċeċilja. |
| April | Tfaqqa' l-pesta bubonika f'Ħal Qormi u baqgħet tinfirex u teqred għal tlettax-il xahar f'Ħaż-Żebbuġ, ir-Rabat—Malta, il-Marsa, il-Mosta u Ħ'Attard. |
| Ottubru—Jannar 1937 | Jinħatar Assistent-Uffiċċjal Mediku. Briffa jaħdem kemm jiflaħ għall-qerda tal-pesta. |
| **1938** | |
| 18 Ottubru | Jinħatar Uffiċċjal Kontrollur tal-Lebbra. |
| | Imur kors l-Indja biex jistudja l-Leproloġija f'Kalkutta u Madras. Iżur xi kliniċi tal-ġdim, tal-mard tal-ġilda u tal-mard venereu kif ukoll jaħdem fl-isptar magħruf, il-"Lady Willingdon Leper Settlement". |
| **1939** | |
| Jannar | Jerġa' lura mill-Indja. |
| **1940** | Jingħata r-responsabbiltà ewlenija biex jipprepara erba' sptarijiet ta' emerġenza minħabba l-gwerra. |
| 11 Ġunju | Jinħatar Suprintendent Mediku ta' l-isptar ta' emerġenza "Blue Sisters". |
| **1944** | |
| 2 Lulju | Imutlu missieru. |
| 1945 | Tfaqqa' l-pesta u Briffa jagħti sehem sħiħ għall-qerda tagħha. Jinħatar konsulent tal-ġilda u tal-mard venereu fil-"War Memorial Hospital for Children". |
| **1948** | |
| Lulju—Awissu | Imur Londra biex jiltaqa' ma' tobba Ingliżi u jara s-sistemi mediċi f'bosta sptarijiet. |
| **1949** | Imur Katanja biex jara l-isptar ġenerali ta' din il-belt, l-aktar ir-"Reparto Dermo-Sifilopatico", u l-i"Stazione Sanitaria Marittima" f'din il-belt, f'Palermo u Sirakuża. |
| **1950** | Imur l-Ingilterra biex jara l-klinika tal-mard venereu fir-"Royal Victoria Hospital" f'Dover. |
| 28 April | Tmut Constance, jew Connie kif kienet magħrufa, wara marda kiefra. Briffa jibda jorqod f'kamra privata fl-isptar ċentrali għax beda jombra d-dar. |
| **1951** | |
| 26 Jannar | Jinħatar Uffiċċjal Mediku għall-Mard Venereu u għad-Dipartiment tad-Dermatoloġija fl-Isptar Ċentrali u lekċerer tal-Venereoloġija u d-Dermatoloġija fl-Università. |
| **1952** | |
| 21 Mejju | Jiltaqa' ma' Louisette Attard-Bajona, ta' 28 sena. |
| 23 Nov. | Jiżżewweġ lil Louisette fil-Knisja ta' Santa Katerina ta' l-Italja, il-belt Valletta. |
| **1953** | |
| 3 Diċembru | Jibda jservi fl-ispiżerija "Crown Pharmacy", il-Belt Valletta. |
| **1960** | Toħroġ l-antoloġija tiegħu *Poeżiji*. |
| **1961** | |
| 10 Lulju | Isir jaf li kienet ħakmitu l-marda serja tal-kanser fil-larinġi. |
| 17 Lulju | Isiefer Ruma ma' Louisette għall-kura. |
| Ottubru | Bintu Ċeċilja tidħol soru mal-kongregazzjoni ta' "St Joseph of the Apparition". |
| Novembru | Jerġa' jsiefer Ruma biex jikkontrolla l-marda. |
| **1962** | |
| Mejju | Jerġa' jsiefer Ruma ma' martu għall-kura u wara jsiefer għall-aħħar darba Londra bl-istess ħsieb. |
| 20 Awissu | Bintu Ċeċilja, soru, tmur Marsilja. |
| 1 Nov. | Jikteb l-aħħar poeżija tiegħu, "Ballatella tal-Funtana". |
| **1963** | |
| 13 Frar | L-aħħar darba li jibqa' jara l-pazjenti fl-ispiżerija "Crown Pharmacy". |
| 19 Frar | Jagħti l-aħħar lezzjoni lill-istudenti tiegħu tal-mediċina fl-Isptar San Luqa. |
| 22 Frar | Imut f'daru l-belt Valletta. |

**MIĠBURA MINN ĠORĠ MIFSUD**

# KIF TIPPJANA L-ESEJ

## KOMPONIMENT ĠENERALI – PJAN BIL-PUNTI FRIEGĦI

**Meta wieħed ikollu quddiemu suġġett għal komponiment ġenerali, jaqbel li jippjanah sewwa. Hawn għandkom wieħed, jismu "Il-Mezzi tal-Komunikazzjoni" (fin-nofs) u minnu ħerġin erba' friegħi jew punti ewlenin. Dawn jerġgħu jinqasmu fi friegħi iżgħar jew puntini kull waħda. Il-vleġeġ juru r-rabta bejn l-ideat li tridu dejjem taslu għaliha fil-kitba tagħkom.**





# Bank of Valletta

*Committed to Malta's growth.*

# ?

# KWIŻŻILMALTI

SPONSORJAT MID-DITTA PUBBLIKAZZJONI BUĠELLI

## MISTOQSIJIET FUQ "ANALIŻI" VOL. 2 N. 3

1 Min kitbu r-rumanz *I Promessi Sposi?*
2. Min kiteb ir-rumanz *Taħt Tliet Saltniet?*
3. Fejn qegħdin l-Għerien tal-Fatati?
4. Meta kiteb il-poeżija tiegħu "Mill-Ġdid Poeta" Rużar Briffa?
5. Liema hija l-ewwel poeżija magħrufa ta' Briffa?

It-tweġibiet iridu jaslulna sat-28 ta' Frar, 1989 u r-rebbieħ jingħażel bix-xorti u jingħata l-premju ta' Lm5 kotba ppubblikati mit-Ditta Buġelli.

**TWEĠIBIET GĦAT-TISLIBA "ANALIŻI" N. 7**

MIMDUDIN: 1. Bik; 3. Ikħ; 7. ED; 9. AI; 11. AA; 12. NN; 13. LM; 15. Sardiniża; 18. Blis; 20. Għaxar; 21. Buras; 24. BX; 25. Nru; 26. EIE; 27. Miksat; 29. Lgħab; 30. BA; 31. Pawla; 33. IR; 34. NQ; 39. Ċoè; 40. Leone; 41. ĠMA; 43. ER; 44. Ħiemda.

WEQFIN: 1. Bilbla; 2+22. Karus; 4. Karla; 5+35 mimduda. Ħadranija; 6. Annabella; 8. Dwardu Buqerq; 10. Is-Sur Kelin; 14. ML; 16. IGĦ; 17. ŻA; 19. Ibni; 23. Satar; 27. Ma; 28. APIA; 30. Barli; 34. Noè; 36. AE; 37. Nom; 38. Omm; 41. Ġie; 42. AD.

**TWEĠIBIET GĦAL KWIŻŻILMALTI "ANALIŻI" VOL. 2 N. 2.**

1. Fl-1968 inqatel Martin L. King; 2. Disa' snin; 3. "Il-Gawwija"; 4. Pietru Caxaro; 5. Sentejn.

## IR-REBBIEĦA

***Tisliba "Analiżi" Vol. 2 N. 7:***
**Miriam Sciberras, 11 Triq Norfolk, Tas-Sliema.**
***Kwiżżilmalti "Analiżi" Vol. 2 N. 2:***
**Alan G. Saliba, "Nuestro Sueño", Triq ir-Rebbiegħa, is-Siġġiewi.**

# TISLIBA ANALIŻI NUMRU 8

**minn ĠORĠ MIFSUD**



# SPONSORJATA MINN MERLIN LIBRARY, BLATALBAJDA

**MIMDUDIN**

1+45. Isem il-poeżija fejn Rużar Briffa lill-Madonna jitlobha biex ma "tistmerrx... it-talba li sejrin nagħmlulek:/ li sseddaq bil-barka/ u tħares din l-art" (3+5).
4. Metall (3).
7. Għal Ġorġ Zammit tnejn minn din juru "'L hemm/ 'L hemm/ 'L hemm" (2).
9. Iżżewweġ, la qalha (2).
11. Sultan (2).
12+32. Skond il-poeżija "San ... tat-Tarġa" dan "jitbissem fuq l-egħlieqi" għal Zammit (2+4).
13+6 wieqfa. Meta Fantin fir-rumanz *San Ġwann* għajjat il-kliem "Dik l-id, dik l-id!" it-tliet barranin "baqgħu bla ma tħarrku f'nofs il-kamra donnhom tliet... ... ..." (6+3+4).
15. L-ewwel żewġ konsonanti taż-żmien tat-tħejjija ta' qabel il-Għid (2).
16. Nofs 'tmienja' fit-tombla (2).
17. Taqsira għal 'filgħodu' (2).
18. Nom verbali minn 'ħareġ' (4).
20. Kmand fi 'ħmara' (3).
21. Kelma minn 'ħajr' (4).
24. Demm in-nobbli hekk igħidu li hu (3).
25. L-egħruq li jinstemgħu ta' 'ragħaj' (2).
26. Din lil Leli kienet tniggżu għax Vira kienet safja u temmen fih (5).
27. Is-suffiss ma' 'gost' u 'fama' biex jitnisslu l-aġġettivi minnhom (2).
28. Irrifletta (6).
31. Għamel xagħru (5).
32. Ara 12 mimduda (4).
35. Hekk ngħajtulu 'l xi qassis (3).
36. Skond il-poeżija ballata "Traġedja" ta' Briffa l-"Mewt Kiefra trid tnessi/ Id-dehra faħxija ta'... ta' demm" (5).
38. Qaddej fil-palazz ta' l-isqof, li skond Galea mar iwassal il-messaġġ li Dun Naz kien imsakkar fiċ-ċella (6).
42. Ninu, skond ommu kien jaħdem minn ċkunitu, jew kif tistqarr ma' qaribha Dun Karm "minn mindu kien għadu bil-... qasir" (6).
43. Għal Zammit il-qalb hija ... "f'rokna mudlama" (4).
44. B'dawn iż-żewġ ittri jibdew ħafna minnomi verbali tat-tieni forma (2).
45. Ara 1 mimduda.

**WEQFIN**

1. Karta tal-logħob (3).
2. F'din il-knisja kien imur La Cassiere biex jiltaqa' ma' Ġlormu Cassar (7).
3. Storja fil-mitoloġija (3).
5. Kelma biex tiġbed l-attenzjoni ta' xi ħadd (3).
6. Ara 13 mimduda (4).
7. Imperattiv plural ta' 'ġera' miżjud (6).
8. Dan il-qassis kien indaħal għan-novena f'Ħaż-Żgħir u kien minn Ħal Kbir (3+6).
10. Mariroż din ġieli xeħtitlu lil Toni Bonell biex turih li tħobbu (5+5).
14. Lonza ta' ...ni bdiet l-istorja ta' l-ixkora taz-zokkor fil-ħanut ta' Tona ta' Bdielu, fir-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir* (6).
19. L-egħruq eżistenti u differenti tal-verb 'rabba' (2).
20. Din tispara (4).
22. Suffiss għat-tiswir tan-nomi verbali mnisslin mit-Taljan u mill-Ingliż (2).
23. L-egħruq ta' verb trux (3).
29. Nofs 'ħmura' (3).
30. Maħbuba (6).
32. Il-verb moħfi miżjud mnejn titnissel 'żjara' (4).
33. Kawlata minn 'plejer sinċier' (5).
34. Kawlata minn 'sirt perżuta' (5).
36. Isem popolari f'nuċċali (4).
37. Nofs 'bdabad' (3).
39. Naħa (3).
40. L-istess f''terrur', 'unur' (2).
41. L-istess f''ponn' u 'punt' (2).

**Taqtax din il-paġna imma ikkopja t-tisliba u ibgħatha lill *Analiżi*, Il-Liċeo Ġ.F. Abela, Misraħ Ġużè Debono, L-Imsida.**
**It-tweġibiet iridu jaslulna sat-28 ta' Frar, 1989 u r-rebbieħ jingħażel bix-xorti u jingħata l-premju ta' Lm5 kotba mid-Ditta Merlin Library.**




# L-ASSIKURAZZJONI FIL-VJAĠĠI

L-*NSTS* – l-iStudent & Youth Travel, il-Vjaġġi għall-Istudenti u ż-Żgħażagħ, ilha s-snin tieħu ħsieb il-ħtiġijiet tal-vjaġġaturi żgħażagħ Maltin. Parti mis-servizz tagħha, li jagħmel sehem ukoll mill-pariri dwar il-vjaġġi u l-faċilitajiet l-oħra, hija l-Assikurazzjoni ta' l-Ivvjaġġar għall-Istudenti. B'dan tagħti l-protezzjoni meħtieġa tul il-vjaġġ kollu.

L-*ISIS*, jew l-Iskema Internazzjonali għall-Ivvjaġġar, illum huwa dokument b'għarfien minn kull parti tad-dinja u joffri l-fiduċja u s-serħan-il-moħħ lill-istudenti li jkollhom bżonn isiefru, għal studju, għal vaganza jew għal għanijiet oħra.

Fost il-benefiċċji ta' l-ISIS hemm il-ħlas fil-pront għall-ispejjeż mediċi li wieħed jidħol fihom barra minn Malta, bħal min jitlef il-valiġġi kif ukoll il-protezzjoni għal kull inċident li jista' jinqala' barra l-pajjiż. Fattur ewlieni ta' l-ISIS huwa s-servizz ta' emerġenza tul l-24 siegħa bħala parti mill-protezzjoni għall-ispejjeż tat-tabib. L-isports tax-xitwa u vaganzi fil-muntanji, bħall-iskijar u l-ajskejting, jistgħu jidħlu wkoll fl-assikurazzjoni bi ftit tal-flus oħra.

L-assikurazzjoni għal ġimagħtejn ma' l-ISIS għall-istudenti tqum biss Lm3.30 u għandha dawn il-vantaġġi:



| |
|---|
| Spejjeż mediċi: sa Lm6,000 |
| Mewt aċċidentali: Lm1,250 |
| Spejjeż għat-trasport f'każ fatali: sa Lm1,750 |
| Mankament permanenti: sa Lm6,000 |
| Spejjeż żejda għall-ivvjaġġar: sa Lm1,000 |
| Valiġġi: sa Lm300 |



L-assikurazzjoni għall-vjaġġ m'hix ħaġa ta' min wieħed jittraskuraha. Għalhekk meta tkunu qed tużaw il-faċilitajiet għall-ivjaġġar ta' l-NSTS qisu li jkollkom fuqkom l-Assikurazzjoni ta' l-ISIS. Ftit tiswa flus, imma sserrħilkom raskom u fiha ħafna benefiċċji.

ADRIAN STIVALA

# ISIS

# Travel Savers




## ISIC

Student? Then it pays you to have the International Student Identity Card. It is the only internationally recognised proof of your students status. The **ISIC** card is the only accepted card that enables you to obtain discounts and benefits in Malta and overseas.

### Eligibility

The **ISIC** card is issued to full time registered scholars and students who are at least 12 years old. It is only issued upon official proof of full time student status. Two passport sized photos are required.

### Major Benefits

- Reduced airfares from Malta. Fly to Rome for only Lm29.00 one way, to Amsterdam for only Lm90.00 return; and many more destinations.
- Discounts in various stationers, booksellers, clothes shops, etc.
- Free entrance or 50% discount on entrance charge to various discotheques in Malta.
- And much more.

**Costs only 75 cents.**
**Valid until 31 December '89 and renewable.**
**International proof of your student status.**
**Use it for discounts on flights, trains, accommodation and more.**
**Issued to students of 12 years old, and over.**
**Use it for discounts in Malta, Gozo and worldwide.**

**NEW**

**50% discount for ISIC and YIEE card holders on all performances organised exclusively by the Manoel Theatre Management Committee.**

NSTS 220, ST. PAUL STREET, VALLETTA, MALTA. TEL: 624983, 626628.